KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
RUIZ-JARABO COLOMER
ippreżentati fil-5 ta' Marzu 2009 [1]

I — Introduzzjoni

1. Il-Juzgado de Primera Instancia e Instrucción n. 5 de San Javier (Spanja) (qorti tal-ewwel istanza u ta' investigazzjoni preliminari) għamlet żewġ domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000, tad-29 ta' Mejju 2000, dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali [2]. Il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar it-tifsira Komunitarja tal-kunċett ta' atti extra ġudizzjarji għall-għanijiet tar-regolament. Din l-inċertezza qamet b'konnessjoni ma' numru ta' ittri privati li ntbagħtu lill-qrati ta' San Javier, permezz ta' nutar, għan-notifika sussegwenti fir-Renju Unit.

II — Il-fatti

2. Għaldaqstant il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba li tiddeċiedi dwar numru ta' kwistjonijiet legali differenti u importanti. L-ewwel nett, hemm il-kwistjoni tal-ammissibbiltà, peress li l-qorti tar-rinviju ssostni li hija qorti tal-aħħar istanza skont l-Artikolu 68 KE. Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' din il-pożizzjoni u għaldaqsant, għall-ewwel darba, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar l-applikazzjoni tal-ġurisprudenza Lykeskog għal dan l-Artikolu [3]. It-tieni nett, jekk jinstab li l-qorti tar-rinviju kienet qed taġixxi bħala qorti tal-aħħar istanza, se jeħtieġ li jiġi stabbilit jekk huwiex ammissibbli li ssir talba għal deċiżjoni preliminari. Peress li l-każ jikkonċerna n-notifika ta' atti extra ġudizzjarji fejn ma tkun inbdiet l-ebda kawża, ma huwiex ċar jekk hemmx tilwima ġenwina. Għal din ir-raġuni, jeħtieġ li tiġi eżaminata l-ġurisprudenza Job Centre [4] u li din tiġi addattata għaċ-ċirkustanzi tal-kawża preżenti. It-tielet nett, il-kwistjoni sostantiva hija partikolarment importanti għall-iskop biex jiġi stabbilit wieħed mill-iktar aspetti ambigwi tar-Regolament (KE) Nru 1348/2000, li huwa l-kunċett ta' "atti extra-ġudizzjarji".

3. Fit-23 ta' Ottubru 2007, Roda Golf & Beach Resort S.L. (iktar 'il quddiem "Roda Golf"), kumpannija bl-uffiċju rreġistrat tagħha f'San Javier, eżegwit quddiem nutar att ta' notifika u talba, bl-għan li jiġu nnotifikati, permezz tar-reġistru tal-Juzgados de Primera Instancia e Instrucción ta' San Javier, 16–il ittra indiriz-

1 — Lingwa oriġinali: l-ispanjol.
2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 14, Vol. 1, p. 227.
3 — Sentenza tal-4 ta' Ġunju 2002, Lyckeskog (C-99/00, Ġabra p. I-4839).
4 — Sentenza tad-19 ta' Ottubru 1995, Job Centre (C-111/94, Ġabra p. I-3361).

zata lil numru ta' residenti fir-Renju Unit, konformi mar-Regolament Nru 1348/2000.

4. L-ittri taw avviż tat-terminazzjoni ta' kuntratt tal-bejgħ ta' proprjetà immobbli li Roda Golf kienet ikkonkludiet ma' kull intimat.

5. Fit-2 ta' Novembru 2007, in-nutar deher quddiem ir-reġistratur tal-qorti msemmija iktar 'il fuq u formalment innotifika l-att notarili flimkien mal-kopji oriġinali tas-16–il ittra.

6. Fid-29 ta' Novembru, ir-reġistratur tal-qorti tar-rinviju ħareġ miżura ta' organizzazzjoni fejn irrifjuta li jinnotifika l-ittri. Ir-reġistratur sostna li r-Regolament (KE) Nru 1348/2000 jipprovdi għan-notifika ta' atti extra ġudizzjarji biss fil-każ li jkun hemm proċeduri legali pendenti, li ma kienx hekk fil-każ preżenti. Ir-reġistratur ħa l-pożizzjoni li t-talba ma kinitx taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament u għaldaqstant irrifjuta li jilqa' t-talba ta' Roda Golf.

7. Fit-13 ta' Diċembru 2007, Roda Golf ippreżentat rikors quddiem il-Juzgado de Primera Instancia e Instrucción n. 5 de San Javier, għal reviżjoni, konformi mal-Artikolu 224 tal-Ley de Enjuiciamiento Civil (liġi Spanjola dwar il-proċedura ċivili). Meta eżaminat ir-rikors li kkontesta l-miżura ta' organizzazzjoni maħruġa mir-Reġistru, il-qorti kienet inċerta dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1348/2000, li huwa punt essenzjali sabiex jiġi deċiż ir-rikors ta' Roda Golf, u għaldaqstant il-qorti ssospendiet il-kawża u ressqet talba lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 68 KE, flimkien mal-Artikolu 234 KE.

III — Il-kuntest ġuridiku

A — *Il-kuntest ġuridiku Komunitarju*

8. It-Titolu IV tat-Trattat KE jikkonferixxi fuq l-istituzzjonijiet il-poter li jimplementaw politika rigward il-moviment liberu ta' persuni. Għall-għanijiet tal-kawża preżenti dwar deċiżjoni preliminari, huwa xieraq li jiġu ċċitati l-Artikoli li ġejjin:

"Artikolu 65

Il-Miżuri fil-qasam ta' kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili li jkollhom implikazzjonijiet transkonfinali, li għandhom jittieħdu skont l-Artikolu 67 u sa fejn ikun meħtieġ

għall-funzjonament xieraq tas-suq intern, għandhom jinkludu:

a) it-titjib u s-simplifikazzjoni:

— tas-sistema tan-notifiki f'pajjiż ieħor ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji;

[…].

Artikolu 68

1. L-Artikolu 234 għandu japplika għal dan it-Titolu skont iċ-ċirkostanzi u bil-kondizzjonijiet li ġejjin: meta kwistjoni dwar l-interpretazzjoni ta' dan it-Titolu jew dwar il-validità jew l-interpretazzjoni ta' atti tal-istituzzjonijiet tal-Komunità ibbażati fuq dan it-Titolu jitqajjmu f'każ li jkun pendenti quddiem qorti jew tribunal ta' xi Stat Membru li kontra d-deċiżjoni tagħha ma jkunx hemm rimedju ġudizzjarju skont il-liġi nazzjonali, dik il-qorti jew tribunal għandha, jekk tikkunsidra li deċiżjoni dwar il-kwistjoni tkun meħtieġa sabiex tkun tista' tagħti sentenza, titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti deċiżjoni dwar dan.

[…]"

9. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000 jirregola n-notifika fl-Istati Membri ta' atti ġudizzjarji u extra ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali [5]. Għarrigward tal-kawża preżenti, il-premessi 2 u 6 tar-regolament jipprovdu gwida dwar l-interpretazzjoni billi jirrilevaw li "[i]l-funzjonament xieraq tas-suq intern jinvolvi l-bżonn li [t]kun mtejba u mħaffa it-trażmissjoni ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji f'kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali għal servizz bejn l-Istati Membri". Dan l-obbligu jfisser li t-trażmissjoni ta' tali atti għandha ssir "direttament u b'mezzi mħaffa bejn entitajiet lokali nnominati mill-Istati Membri".

10. Għalkemm ir-Regolament (KE) Nru 1348/2000 jikkonċerna atti extra ġudizzjarji, huwa jibqa' sieket meta jiġi biex ifisser it-terminu u sabiex jistabbilixxi regoli speċifiċi li jirregolaw in-notifika. Ir-regolament jinkludi biss dispożizzjoni waħda dwar atti extra ġudizzjarji, li hija l-Artikolu 16:

"Dokumenti extra-ġudizzjarji jistgħu ikunu trażmessi għan-notifika fi Stat Membru ieħor

5 — Ir-Regolament (KE) Nru 1348/2000 tħassar u nbidel bir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Novembru 2007, dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (ĠU 2001 L 324, p. 79). Madankollu, il-leġiżlazzjoni l-ġdida ma tinkludi ebda tibdil li huwa ta' rilevanza għal din it-talba għal deċiżjoni preliminari.

bi qbil mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament".

11. Konformi mal-Artikolu 17(b) tar-Regolament (KE) Nru 1348/2000, fil-25 ta' Settembru 2001 il-Kummissjoni adottat deċiżjoni li tapprova manwal tal-aġenziji riċeventi u glossarju ta' atti li jistgħu jiġu nnotifikati [6] u li fl-Anness II jinsab dan il-glossarju ta' atti, għalkemm huwa sempliċement indikattiv iktar milli ta' natura eżawrjenti. It-taqsima dwar Spanja tistipula: "Għar-rigward ta' atti extra ġudizzjarji li jistgħu jiġu notifikati, dawn huma atti mhux ġudizzjarji maħruġin minn awtoritajiet pubbliċi li huma kompetenti biex jagħmlu notifika taħt il-liġi Spanjola" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

B — *Il-kuntest ġuridiku nazzjonali*

12. L-Artikoli 223 u 224 tal-Liġi 1/2000 tas-7 ta' Jannar dwar il-proċedura ċivili (Ley 1/2000, de 7 de enero, de Enjuiciamiento Civil — iktar 'il quddiem, il-"LEC") [7] tistipula r-regoli li jirregolaw deċiżjonijiet li jsiru minn reġistratur ta' qorti f'materji ċivili.

6 — Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tal-25 ta' Settembru 2001, li tadotta manwal tal-aġenziji riċeventi u glossarju tad-dokumenti li jistgħu jiġu nnotifikati jew komunikati permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000 dwar in-notifikazzjoni jew il-komunikazzjoni fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 4, Vol. 4, p. 348). Dan it-test ġie emendat darbtejn, bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/350/KE tat-3 ta' April 2002 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 5, p. 3) u bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/500/KE, tas-16 ta' Lulju 2007, (ĠU 2007 L 185, p. 24), li l-ebda waħda minnhom ma għandha rilevanza għal din il-kawża.

7 — BOE tat-8 ta' Jannar, Nru 7.

13. "Artikolu 223. Miżuri organizzattivi

1. Ir-reġistratur tal-qorti huwa responsabbli għall-adozzjoni ta' miżuri organizzattivi li bihom jiġu stabbiliti l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti skont il-liġi.

2. Il-miżuri organizzattivi għandhom jinkludu dak illi ġie stabbilit mid-deċiżjoni meħuda, l-isem tar-reġistratur li qiegħed jadotta l-miżura, id-data u l-firma tar-reġistratur.

Artikolu 224. Reviżjoni ta' miżuri organizzattivi

1. Miżuri organizzattivi li jiddeterminaw kwistjonijiet li, bil-liġi, għandhom jiġu deċiżi permezz ta' deċiżjoni provviżorja, digriet jew sentenza, huma awtomatikament nulli.

2. Minbarra l-każijiet imsemmija fil-paragrafu preċedenti, miżuri organizzattivi jistgħu jiġu annullati wkoll, fuq talba talparti li tkun ta' detriment għalih, fejn din tikser xi dispożizzjonijiet legali jew tirregola

kwistjonijiet li, skont din il-Liġi, għandhom jiġu deċiżi b'deċiżjoni ta' qorti.

3. Il-kontestazzjoni msemmija fil-paragrafu preċedenti għandha tiġi eżaminata u għandha tittieħed deċiżjoni dwarha skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal rikors għal reviżjoni."

14. B'dispożizzjoni espressa tal-Artikolu 224 (3) tal-LEC, il-metodu kif issir kontestazzjoni ta' miżura organizzattiva huwa permezz ta' kawża għal reviżjoni skont il-liġi dwar il-proċedura ċivili. Dan ir-rimedju huwa l-mezz ġeneralment applikat għar-reviżjoni ta' deċiżjonijiet u digrieti provviżorji, u r-regoli applikabbli huma stipulati fl-Artikoli 451 sa 454 tal-LEC:

"Artikolu 451. Deċiżjonijiet appellabbli. Nuqqas ta' effett sospensiv

Fir-rigward tad-deċiżjonijiet u d-digrieti provviżorji kollha u li ma humiex finali li jingħataw minn kwalunkwe qorti ċivili, jista' jiġi ppreżentat rikors għal reviżjoni quddiem il-qorti li adottat id-deċiżjoni kkontestata, li għandha tiġi eżegwita bla preġudizzju għal dan ir-rikors.

Artikolu 452. Terminu, forma u inammissibbiltà

Rikors għal reviżjoni għandu jiġi ppreżentat fi żmien ħamest ijiem u għandu jindika, fi kliem ir-rikorrent, l-infrazzjoni li tirriżulta mid-deċiżjoni.

Jekk dawk iż-żewġ rekwiżiti ma jiġux issodisfatti, jiġi deċiż li r-rikors għal reviżjoni huwa inammissibbli u ma jista' jirtressaq l-ebda rikors ulterjuri.

Artikolu 453. Id-dritt tal-intimati għas-smigħ u d-deċiżjoni

1. Wara li jkun ġie deċiż li r-rikors għal reviżjoni huwa ammissibbli, il-partijiet l-oħra li jkun dehru fil-proċeduri għandhom jiġu mogħtija terminu ġenerali ta' ħamest ijiem sabiex jikkontestaw ir-rikors jekk iqiesu li dan ikun xieraq.

2. Mal-iskadenza tat-terminu għal kontestazzjoni tal-kawża, indipendentement minn jekk ikunux ġew ippreżentati osservazzjonijiet bilmiktub, il-qorti għandha tiddeċiedi permezz ta' digriet fi żmien ħamest ijiem.

Artikolu 454. Id-digriet li bih jiġi deċiż rikors għal reviżjoni ma huwiex suġġett għal appell

Ħlief għal każijiet fejn hemm dritt għal appell, l-ebda appell ma jista' jitressaq kontra digriet li jiddeċiedi rikors għal reviżjoni, bla ħsara għall-possibbiltà li titqajjem mill-ġdid il-kwistjoni li hija s-suġġett tar-reviżjoni fil-kuntest ta' appell eventwali kontra d-deċiżjoni finali."

15. Skont l-Artikolu 455 tal-LEC, jista' jitressaq appell kontra digriet ta' qorti tal-ewwel istanza bil-kundizzjoni li d-digriet ikun sar "finali" jew li "il-liġi tipprovdi dan espressament".

16. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 207 tal-LEC jipprovdi li "deċiżjonijiet li jikkonkludu proċeduri legali tal-ewwel istanza u deċiżjonijiet li jiddeċiedu dwar appelli li jitressqu kontra dawk id-deċiżjonijiet huma deċiżjonijiet finali".

17. Atti notarili huma rregolati bir-Regolamento Notarial (regolament notarili) tal-1944[8], li ġie emendat f'numru ta' okkażjonijiet. L-Artikoli 202 sa 206 tar-Regolamento Notarial jistipulaw id-dispożizzjonijiet li jirregolaw atti ta' notifika u talba għal notifikazzjoni, fit-termini li ġejjin:

"Artikolu 202

L-iskop ta' att ta' notifika huwa li jiġi kkomunikat lil individwu biċċa informazzjoni jew deċiżjoni mill-individwu li jkun talab l-intervent notarili, filwaqt li atti ta' talba barra minn hekk jitolbu li l-intimat jieħu ċerta azzjoni.

Sakemm ebda dispożizzjoni legali ma tistipula l-kuntrarju, in-nutar jista' jagħżel li jeffettwa notifiki u talbiet billi jibgħat lill-intimat l-avviż, kopja jew ittra uffiċjali, bil-posta rreġistrata b'dikjarazzjoni ta' rċevuta.

Fejn ma tiġix użata l-proċedura msemmija fil-paragrafu preċedenti, in-nutar għandu jmur personalment fl-indirizz jew post fejn għandha tiġi effettwata n-notifika jew it-talba, kif indikat mir-rikorrent, u jindika li huwa nutar u l-iskop taż-żjara tiegħu. Jekk l-intimat ma jkunx preżenti, kwalunkwe individwu li jkun fil-post indikat u jipprovdi prova tal-identità jista' jaċċetta n-notifika tal-avviż. Jekk ħadd ma jaċċetta n-notifika, dak il-fatt għandu jiġi rreġistrat. Fil-każ li l-binja jkollha purtinar, in-notifika tista' ssir fuq dak il-persuna.

8 — Digriet tat-2 ta' Ġunju, li jadotta definittivament ir-Reglamento de la Organización y Régimen del Notariado (regolament li jirregola l-organizzazzjoni ta' u d-dispożizzjonijiet legali applikabbli għall-professjoni ta' nutar (BOE tas-7 ta' Lulju 1944, Nru 189).

Il-formalità għandha titwettaq billi jingħata l-avviż uffiċjali li għandu jiġi ffirmat minnutar li għandu juża' tal-inqas il-kunjom tiegħu u għandu jinkludi il-kliem preċiż tannotifika jew talba, waqt li tistipula li l-intimat għandu d-dritt ta' risposta u tagħti terminu għal dak l-iskop, skont l-Artikolu 204.

[…]

Artikolu 203

Meta l-intimat [jew] ir-rappreżentant tiegħu […] jirrifjuta li jaċċetta l-avviż uffiċjali jew attivament jew passivament jirreżisti l-irċevuta tiegħu, dak il-fatt għandu jiġi rreġistrat u n-notifika għandha titqies li ġiet effettwata. Kull ħaġa li tagħmilha impossibbli għan-nutar li jagħti l-avviż uffiċjali għandha tiġi rreġistrata u f'dak il-każ għandha tiġi segwita l-proċedura stabbilita fis-sitt paragrafu tal-Artikolu 202.

Artikolu 204

L-intimat għandu d-dritt li jirrispondi quddiem in-nutar fil-ħin tan-notifika imma dan m'għandux jinkludi fir-risposta tiegħu talbiet jew notifiki oħra, li għandhom ikunu s-suġġett ta' att separat.

[…]

Artikolu 206

Notifiki jew talbiet stipulati f'liġijiet jew regolamenti li ma jispeċifikawx il-kundizzjonijiet jew formalitajiet rilevanti għandhom jiġu effettwati bil-mod stabbilit fl-artikoli preċedenti. Madankollu, fejn dawk id-dispożizzjonijiet jistipulaw regoli speċifiċi jew jistabbilixxu kundizzjonijiet jew formalitajiet differenti għar-rigward tal-indirizz, post, individwi fuq min tista' ssir notifika, jew kwalunkwe ħaġa oħra, ir-rekwiżiti speċjali ta' dawk id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw u r-rekwiżiti tal-Artikolu 202 u ta' artikoli korrispondenti oħra ta' dawn ir-Regolamenti m'għandhomx ikunu applikabbli."

IV — Id-domandi preliminari

18. Bid-digriet tat-3 ta' Jannar 2008, il-Juzgado de Primera Instancia e Instrucción Nru 5 ta' San Javier ressqet talba għal deċiżjoni

preliminari dwar interpretazzjoni, konformi mal-Artikolu 68 KE flimkien mal-Artikolu 234 KE. Wara spjega fil-qosor li din tissodisfa l-obbligi ta' dik id-dispożizzjoni (b'mod partikolari li ma jistgħu jsiru ebda appelli mid-deċiżjoni tal-qorti tar-rinviju), il-Juzgado de Primera Istancia Instrucción n. 5 de San Javier għamlet iż-żewġ domandi li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1. In-notifika ta' atti esklużivament extraġudizzjarji taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1348/2000 meta din issir bejn persuni privati permezz tar-riżorsi materjali u personali tal-qrati tal-Unjoni Ewropea u tal-leġiżlazzjoni Ewropea mingħajr ma jkunu nbdew proċeduri legali?

2. Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1348/2000 ikopri esklużivament il-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn Stati Membri fil-kuntest ta' proċeduri legali pendenti (Artikoli 61(ċ), 67(1) u 65 KE u l-premessa 6 tar-Regolament Nru 1348/2000)?"

19. Id-digriet tar-rinviju wasal fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-14 ta' Jannar 2008. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet, fit-terminu stabbilit fl-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, minn Roda Golf, il-Gvernijiet tal-Latvja, l-Ungerija, il-Polonja, is-Slovakkja, ir-Repubblika Ċeka, Spanja, il-Ġreċja, il-Ġermanja u l-Italja, u l-Kummissjoni.

20. Minkejja l-effetti prattiċi potenzjali ta' dan il-każ fuq l-organizzazzjoni tal-qrati nazzjonali, l-ebda wieħed mill-Istati Membri hawn fuq imsemmija, la l-Kummissjoni u lanqas ir-rikorrent fil-kawża prinċipali ma talab li ssir seduta fit-terminu mogħti għal dak il-għan, u għaldaqstant il-każ kien lest għat-tħejjija ta' dawn il-konklużjonijiet fit-13 ta' Novembru 2008.

V — L-ammissibbiltà

21. Il-Kummissjoni targumenta li l-Juzgado de Primera Instancia e Instrucción n. 5 de San Javier ma hijiex kompetenti biex tagħmel talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 68 KE għar-raġunijiet li ma hijiex qorti tal-aħħar istanza u ma hemm l-ebda proċeduri legali *inter partes*. Il-gvernijiet kollha li ppreżentaw osservazzjonijiet ma qalu xejn fuq dak il-punt, filwaqt li Roda Golf ressqet numru ta' raġunijiet għalfejn għandu jiddeċiedi li l-proċeduri huma ammissibbli. Peress li din hija kwistjoni delikata li tikkonċerna l-Artikolu 68 KE, jien sejjer nanalizza ż-żewġ ilmenti fid-dettal u b'mod individwali.

A — *L-ewwel oġġezzjoni dwar l-ammissibiltà: l-Artikolu 68 KE u l-kunċett ta' qorti jew tribunal li kontra d-deċiżjoni tiegħu ma hemm ebda rimedju ġudizzjarju*

22. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja hija obbligata li teżamina ir-restrizzjoni stabbilita

mill-Artikolu 68 KE, fis-sens li qrati jew tribunali tal-aħħar istanza biss jistgħu jressqu talba għal deċiżjoni preliminari li jikkonċernaw it-Titolu IV tat-Trattat KE u atti bbażati fuqu. Qabel ma napplika dak l-artikolu għall-każ preżenti, jien inħoss li jkun xieraq li tiġi stabbilita l-istorja u r-raġunijiet li waslu biex l-Istati Membri jadottaw miżura bħal din, billi tingħibed l-attenzjoni għal-limitazzjonijiet u l-iżvantaġġi ta' dik ir-restrizzjoni fuq id-djalogu bejn il-qrati.

1. L-istorja ta' u r-raġunijiet għall-Artikolu 68 KE

23. Il-ħolqien ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, bil-vantaġġi kollha li din tinkludi, ħtieġet tibdil kunsiderevoli fl-għodod legali tradizzjonali. Il-moviment liberu ta' persuni ġewwa t-territorju tal-Unjoni poġġa sfida għall-proġett tal-integrazzjoni, peress li ma humiex biss l-individwi nnifishom li jiċċaqilqu imma anki ċ-ċentru tal-interessi vitali tagħhom. Bħala eżempju, id-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen stabbilew gradwalment ir-rikonoxximent reċiproku f'materji kriminali [9]; id-dispożizzjonijiet rigward kundizzjonijiet ta' residenza kienu meħtieġa biex isolvu d-diffikultajiet taċ-ċittadini ta' pajjiżi mhux membri li jkollhom relazzjonijiet legali ma' ċittadini tal-Komunità [10]; bl-istess mod il-kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali waslet għal żieda f'operazzjonijiet konġunti bejn l-awtoritajiet ta' Stati differenti li huwa bla preċedent fl-istorja tal-Ewropa [11].

24. F'dawk iċ-ċirkustanzi, l-Istati Membri rreaġixxew b'mod kawt għall-impatt ta' dak il-proċess fuq is-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea. Fid-dokumenti preparatorji għat-Trattat ta' Amsterdam, il-Presidenza tal-Kunsill esprimiet it-tħassib tagħha dwar il-possibbiltà li jintalbu numru akbar ta' deċiżjonijiet preliminari mill-Qorti tal-Ġustizzja, li jispiċċa jgħabbi żżejjed u jostakola l-kapaċità operazzjonali tagħha filwaqt li joħloq dewmien fil-kapaċità operazzjonali tal-qrati nazzjonali li jissottomettu rinviji. Fid-dawl ta' dik is-sitwazzjoni, il-Presidenza pproponiet li jiġu eżaminati numru ta' tibdiliet fir-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja [12].

25. Kif mistenni l-pożizzjonijiet espressi fil-Kunsill ġew riflessi fil-verżjoni attwali tal-Artikolu 68 KE, li ġie inkluż wara r-riformi li ġew implementati bit-Trattat ta' Amsterdam.

9 — L-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, tal-14 ta' Ġunju 1985, bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża, dwar l-abolizzjoni gradwali ta' kontrolli fuq il-fruntieri komuni tagħhom (ĠU 2000 L 239, p. 19) stabbilixxa l-prinċipju tad-dritt kriminali tan-*ne bis in idem*, u l-ġurisprudenza relatata ma' dan il-prinċipju kkontribwixxiet sabiex jiġi infurzat ir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji f'materji kriminali.

10 — Il-problemi serji li qamu f'dak il-qasam waslu biex jinqaleb il-preċedent ġudizzjarju. Ara s-sentenza tal-25 ta' Lulju 2008, Metock *et*, (C-127/08, Ġabra p. I-6241).

11 — L-iktar simbolu emblematiku ta' din il-bidla qawwija hija d-Deċiżjoni kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol 6, p. 34), li wasslet għal deċiżjonijiet importanti ħafna, bħas-sentenza tat-3 ta' Mejju 2007, Advocaten voor de Wereld (C-303/05, Ġabra p. I-3633, punt 28).

12 — Kuntest ġenerali għal riforma proposta fit-Trattati, kummentarju dwar l-Artikolu G. It-test jista' jinstab fir-Revue Trimestrielle de Droit Européen, Nru 1, 33, 1997, p. 187. Dwar l-oriġini ta' din id-dispożizzjoni, ara A. Albors-Llorens, "Changes in the Jurisdiction of the European Court of Justice Under the Treaty of Amsterdam", Common Market Law Review, Nru 35, 1998, pp. 1273 sa 1276; S. Langrish, "The Treaty of Amsterdam: Selected Highlights", 23 European Law Review, 1998, p. 8, u H. Labayle, "Le Traité d'Amsterdam. Un espace de liberté, de sécurité et de justice", Revue Trimestrielle de Droit Européen, Nru 33, 1997, pp. 873 u 874.

Skont dan l-artikolu, il-qrati jistgħu jinvokaw l-Artikolu 234 KE fir-rigward tat-Titolu IV KE u mal-miżuri tad-dritt sekondarju bbażati fuqhom, anki jekk b'numru ta' differenzi, inklużi, b'mod partikolari, ir-restrizzjoni talkompetenza biex isiru talbiet għal deċiżjonijiet preliminari għall- qrati nazzjonali li kontra d-deċiżjonijiet tagħhom ma hemm ebda rimedju ġudizzjarju.

26. L-Artikolu 68 ipprovda għat-talbiet għal deċiżjonijiet preliminari msejħa ta' veloċità differenti u ħoloq distinzjoni li kkontrastat mas-soliditá u uniformità tradizzjonali tassistema ta' rimedji Komunitarji, li tikkontesta wkoll il-pożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li, fir-rapport tagħha tal-1995 rigward ċerti aspetti dwar l-applikazzjoni tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea [13], ma aċċettatx kwalunkwe restrizzjoni fuq il-poter tal-qrati nazzjonali li jitolbu deċiżjonijiet preliminari. Fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, restrizzjoni bħal din tqiegħed fil-periklu l-uniformità u l-konsistenza tad-dritt Komunitarju [14].

27. L-insistenza tal-Istati Membri waslet għat-tibdil fil-proċedura tad-deċiżjonijiet preliminari, anki jekk huwa diffiċli timmaġina gelgul ta' rinviji li kien hemm biża' dwarhom, peress li l-Artikolu 35 UE, li, bl-eċċezzjoni ta' Spanja, jista' jiġi invokat biss mill-qrati nazzjonali tal-Istati li kellhom rikors għall-Artikolu 15(2) [15], ma kellux impatt devastanti. Għall-kuntrarju, l-adozzjoni reċenti tal-proċedura tad-deċiżjoni preliminari urġenti hija sinjal ċar li l-Qorti tal-Ġustizzja hija disposta li tiddeċiedi kawżi relatati mal-oqsma tallibertà, is-sigurtà u l-ġustizzja f'terminu qasir ħafna, filwaqt li ma hemm ebda sinjal ta' xi ħassib partikolari dwar l-eventwalità ta' gelgul ta' rinviji [16].

28. L-Artikolu 68 KE għandu jiġi interpretat konformi mad-dritt fundamentali għal protezzjoni legali effettiva. Ir-regoli li jillimitaw id-dritt li tintalab deċiżjoni preliminari għandhom jiġu interpretati b'mod restrittiv. Id-dgħufija tal-limitazzjonijiet li l-Artikolu 68 KE jimponi fuq il-qrati nazzjonali tagħti lok għal numru ta' konsegwenzi prattiċi li huwa xieraq jiġu stabbiliti u applikati għallkawża rrinvjata mill-Juzgado de Primera Instancia e Instrucción n. 5 de San Javier.

13 — Rapport tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' Mejju 1995.

14 — Il-Qorti tal-Ġustizzja tesprimi dan it-ħassib b'mod ċar filpunt 11: "Li jiġi limitat l-aċċess għall-qorti jkollu l-effett li tiġi pperikolata l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni uniformi tad-dritt Komunitarju minn naħa għal oħra tal-Unjoni Ewropea, u jista' jċaħħad lil individwi minn protezzjoni ġudizzjarja effettiva u tiġi mminata l-unità tal-ġurisprudenza [...] Is-sistema ta' deċiżjonijiet preliminari hija tabilħaqq il-ġebla tax-xewka tat-tħaddim tas-suq intern, peress li tilgħab rwol fundamentali biex jiġi żgurat li l-liġi stabbilita bit-trattati żżomm il-karattru Komunitarju bil-ħsieb li jiġi ggarantit li dik il-liġi jkollha l-istess effett fiċ-ċirkustanzi kollha fl-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea [...] Waħda mill-ħidmiet essenzjali tal-Qorti tal-Ġustizzja hija li tiżgura propju din l-interpretazzjoni uniformi, u din tissodisfa dan id-dmir billi twieġeb id-domandi magħmulin lilha mill-qrati u tribunali nazzjonali".

15 — Dawn l-Istati Membri, apparti minn Spanja, ipprovdew li l-qrati kollha tagħhom jistgħu jagħmlu talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 35 UE. Għalkemm ma hemm ebda aġġornamenti rigward dikjarazzjonijiet, wieħed jista' jsib dokument utli kkompilat mid-Direttorat tar-Riċerka u Dokumentazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-indirizz http://curia.europa.eu/es/instit/txtdocfr/txtsenvigueur/art35.pdf

16 — Mingħajr dubju, minbarra r-riskji għall-konsistenza u l-uniformità tal-ġurisprudenza (biex wieħed ma jsemmix ukoll l-imminar ta' salvagwardji proċedurali bażiċi, bħal dawk li għandhom x'jaqsmu ma' trasparenza), il-proċedura ġdida dwar deċiżjonijiet preliminari urġenti, adottata fil-15 ta' Jannar 2008 (ĠU 2008 L 24, p. 39) u rregolata bl-Artikolu 104b tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, kapaċi wkoll tikkomprometti l-kapaċità operattiva tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-eventwalità ta' dulluvju (li huwa pjuttost possibbli) ta' rinviji fil-futur. Minkejja dawn ir-riskji, xejn ma skoraġġixxa s-sostenituri tal-proċedura l-ġdida.

2. L-interpretazzjoni restrittiva tal-limitazzjonijiet fuq id-djalogu bejn il-qrati stipulati bl-Artikolu 68 KE

29. Kull eċċezzjoni għar-regola għandha tiġi interpretata b'mod restrittiv. Ir-regoli speċjali dwar deċiżjonijiet preliminari fl-Artikolu 68 KE huma differenti mir-regola ġenerali fl-Artikolu 234 KE, u għalhekk dawn iridu jiġu interpretati b'mod restrittiv. Madankollu, dak l-eżitu ma jintlaħaqx biss bl-użu ta' kriterji għall-interpretazzjoni.

30. L-aċċess għall-ġustizzja huwa kolonna fundamentali tal-kultura legali tal-Punent. Il-Magna Carta fl-1215 ipproklamat "To no one will we sell, to no one will we deny or delay right or justice" [17], li jindika assjoma li baqgħet fis-seħħ fl-Ewropa sal-punt li din sabet il-post tagħha fil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem [18], fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [19] u fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [20]. Għaldaqstant, id-dritt għal protezzjoni legali effettiva huwa wieħed mill-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju, li konformi miegħu huwa organizzat l-aċċess għal ġustizzja. F'numru ta' Stati Membri, bħall-Ġermanja u Spanja, dan id-dritt fundamentali jinsab b'mod li dan jinkludi wkoll il-proċedura tad-deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 234 KE [21]. Ir-rinviju preżenti huwa bla dubju kruċjali biex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet proċedurali ta' individwi kemm fil-livell Komunitarju u fil-livell nazzjonali [22]. L-aċċess għall-ġustizzja jinkludi mhux biss il-bidu ta' proċeduri legali imma anki l-obbligu li l-qorti kompetenti tieħu konjizzjoni ta' dawk il-proċeduri. Barra minn dan, minn perspettiva proċedurali, rinviji għal deċiżjoni preliminari huma suġġetti għall-prinċipji tal-uniformità u konsistenza tad-dritt Komunitarju, li minnu jsegwi li kull qorti nazzjonali għandu jkollha l-kompetenza li titlob l-assistenza mill-Qorti tal-Ġustizzja [23]. Kull ostakolu li jżomm qorti nazzjonali milli tagħmel rinviju jimmina dak id-dritt fundamentali. Fuq dik il-premessa, huwa xieraq li wieħed jikkonkludi li r-restrizzjonijiet taħt l-Artikolu 68 KE jistgħu jinħallu meta jiġu interpretati fid-dawl tal-prinċipju tal-protezzjoni legali effettiva [24].

31. Hemm ukoll raġunijiet istituzzjonali li jimmilitaw favur interpretazzjoni restrittiva tal-Artikolu 68 KE. L-iktar waħda importanti

17 — Magna Carta Libertatum, Kapitolu 40. Dwar l-evoluzzjoni tal-prinċipju fid-dritt tal-aċċess għal ġustizzja, ara A. Zuckerman,, Zuckerman on Civil Procedure. Rules and Procedures, Edizzjoni Sweet & Maxwell, Londra, 2006, pp. 59 sa 64.

18 — L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

19 — L-Artikolu 47 tal-Karta.

20 — Sentenzi tal-15 ta' Mejju 1986, Johnston (222/84, Ġabra p. 1651, punti 18 u 19); tal-15 ta' Ottubru 1987, Heyens *et* (222/86, Ġabra p. 4097, punt 14); tas-27 ta' Novembru 2001, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (C-424/99, Ġabra p. I-9285, punt 45); tal-25 ta' Lulju 2002, Unión de Pequeños Agricultores vs Il-Kunsill (C-50/00, Ġabra p. I-6677, punt 39); u tad-19 ta' Ġunju 2003, Eribrand (C-467/01, Ġabra p. I-6471, punt 61).

21 — Sentenza tad-9 ta' Jannar 2001 tal-Bundesverfassungsgericht Ġermaniż, u sentenza tad-19 ta' April 2004 tat-Tribunal Constitucional Spanjol 58/2004. Kummentarji interessanti rigward dawn is-sentenzi huma li ġejjin: F. Arndt, "The German Federal Constitutional Court at the Intersection of National and European Law: Two Recent Decisions", German Law Journal, Nru 11, 2001, u Alonso García, R., "Comentario a la sentencia 58/2004", Common Market Law Review, Nru 42, 2005.

22 — P. Martín Rodríguez, "La cuestión prejudicial como garantía constitucional: a vueltas con la relevancia constitucional de derecho comunitario", Revista Española de Derecho Constitucional, Nru 72, 2004, u M. Azpitarte Sánchez, El Tribunal Constitucional ante el control del derecho comunitario derivado, Edizzjoni Civitas, Madrid, 2002.

23 — Sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008, Cartesio (C-210/06, Ġabra p. I-9641, punti 96 u 97).

24 — L-applikazzjoni ta' dan il-kriterju għall-Artikolu 68 KE huwa invokat minn J. Baquero Cruz, "El Auto Dem'Yanenko: expulsión de ciudadanos de terceros Estados y TJCE", Revista Española de Derecho Comunitario Europeo, Nru 19, 2004, p. 994 *et seq.*

tikkonċerna l-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni esklużiva biex tiddeċiedi dwar validità. Bil-limitazzjoni tad-dritt li tintalab deċiżjoni preliminari għall-qrati tal-aħħar istanza, il-qrati inferjuri ma għandhomx il-possibbiltà li jingħataw dikjarazzjonijiet li atti Komunitarji huma invalidi, materja li t-Trattat jirriżerva għall-Qorti tal-Ġustizzja [25]. Dik is-sitwazzjoni tobbliga lill-qrati li d-deċiżjonijiet tagħhom huma suġġetti għal appell li japplikaw dispożizzjoni li huma jikkunsidraw li hija invalida, jew agħar minn hekk, li jwettqu reviżjoni dwar il-validità, biċċa xogħol li l-Qorti tal-Ġustizzja biss għandha l-ġurisdizzjoni li twettaq. Għaldaqstant, interpretazzjoni tal-kunċett tal-aħħar istanza li tkun restrittiva żżejjed iżżid ir-riskju li l-istħarriġ tal-validità tad-dispożizzjonijiet Komunitarji jsir wieħed frammentarju.

32. Għal din ir-raġuni, ma hijiex sorpriża li inizjattivi li ttieħdu biex jitħassar l-Artikolu 68 KE, bħal dik li tressqet 'il quddiem mill-Kummissjoni fl-2006, kellhom l-għan li jabolixxu l-obbligi speċjali ta' dik id-dispożizzjoni fl-interess tal-uniformità, protezzjoni legali effettiva u t-tħaddim effiċjenti tas-sistema ġudizzjarja Komunitarja [26]. Għalkemm il-proposta ma ġietx adottata, l-argumenti mressqa mill-Kummissjoni fis-sens li l-Artikolu 68 KE "jikser ir-regola tal-ekonomija proċedurali" [27], "jaħli bla bżonn ir-riżorsi tal-qrati nazzjonali" [28], u "hija wkoll inkonsistenti mal-bqija tat-Trattat", huma indikattivi biżżejjed [29]. L-Istati Membri ma kellhom ebda riżervi dwar it-tneħħija tar-regoli speċjali dwar deċiżjonijiet preliminari fl-Artikolu 68 KE meta fformulaw l-Abbozz tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa u t-Trattat ta' Lisbona, li ma jipprovdux għal sistemi differenti ta' rinviji għal deċiżjonijiet preliminari.

33. Bħala rikapitolazzjoni, il-limitazzjoni tal-ġurisdizzjoni li jintalbu deċiżjonijiet preliminari għal qrati tal-aħħar istanza għandha tiġi interpretata b'mod restrittiv. Id-dħul fis-seħħ tal-Artikolu 68 KE ħoloq preċedent ta' kompatibbiltà dubjuża mal-ispirtu tal-Artikolu 234 KE, minħabba l-anomaliji li dan jintroduċi kemm fid-dinamika ta' dak l-Artikolu u fl-arkitettura ġudizzjarja Komunitarja. Kif kiteb Pierre Pescatore fi preżentazzjoni reċenti, il-mekkaniżmu tal-Artikolu 234 KE huwa "parti sagrosanta tal-acquis Komunitarju" [30]. Kwalunkwe tibdil f'dik il-ġebla taxxewka għat-tħaddim tas-suq intern [31] irid jiġi eżaminat bir-reqqa, peress li l-elementi fundamentali tal-mudell ġudizzjarju Ewropew huma, parti sew minnhom, ibbażati fuq sistema ta' deċiżjonijiet preliminari li rnexxiet.

25 — Sentenza tat-22 ta' Ottubru 1987, Foto-Frost (314/85, Ġabra p. 4199, punt 20).

26 — Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej — Addattament tad-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea rigward il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja bil-ħsieb li tiġi żgurata minn protezzjoni ġudizzjarja iktar effettiva tat-28 ta' Ġunju 2006 (KOM/2006/0346). Dan id-dokument, li jagħmel kritika qawwija dwar l-Artikolu 68 KE, jikkontrasta mal-pożizzjoni tal-Kummissjoni fil-proċeduri preżenti. Jekk il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-Artikolu jostakola l-aċċess għal ġustizzja, jien għandi diffikultà biex nifhem kif din tista' targumenta b'mod qawwi li d-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju hija inammissibbli, partikolarment minħabba l-fatt li, kif inhu ċar minn analiżi tas-sustanza tal-proċeduri legali, il-Kummissjoni qed tipproponi interpretazzjoni massimalista ta' Regolament Nru 1348/2000, u dan juri l-importanza ċara ta' dan il-każ għall-partijiet fittilwima u anki fil-liġi għal qasam li qed jiżviluppa tal-libertà, sigurtà u ġustizzja.

27 — *Ibid.*, p. 6.

28 — *Ibid.*

29 — *Ibid.*, p. 7.

30 — P. Pescatore, "Preliminary Rulings — Evolution of the System", 50th Anniversary of the Court of Justice of the European Communities. Conference on Cooperation between the Court of Justice and the National Courts, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-Lussemburgu, 2003, p. 29.

31 — Jien issellift din l-espressjoni mingħand Robert Lecourt, li kien President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li użaha fix-xogħol tiegħu "Le rôle unificateur de juge dans la Communauté", Études de Communauté Europeénnes, Mélanges offerts à Pierre-Henri Teitgen, Pedone, Pariġi, 1984, p. 227.

Għaldaqstant xejn ma huwa sorprendenti li s-sostenituri ta' mudelli alternattivi ddistanzjaw ruħhom mit-tradizzjoni billi invokaw l-Artikolu 68 KE [32]. Jekk wasal iż-żmien li tiġi mmodifikata r-relazzjoni ta' kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali, x'aktarx li emenda bħal dik tal-Artikolu 68 KE ma hijiex l-aħjar approċċ.

34. Meta jitqies il-fatt li l-Juzgado de Primera Instancia e Instrucción n. 5 de San Javier topera fl-ewwel livell tas-sistema ġudizzjarja ċivili Spanjola, jeħtieġ li jiġi stabbilit jekk qorti tal-aħħar istanza, skont it-tifsira tal-Artikolu 68 KE, hijiex qorti li tinsab fil-quċċata tal-istruttura ġudizzjarja nazzjonali jew il-qorti finali li tista' tagħti deċiżjoni konformi mas-sistema ta' rimedji domestiċi. Fi kliem ieħor, jeħtieġ li jiġi stabbilit, bħalma għamlet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Lyckeskog [33] għar-rigward tal-Artikolu 234 KE, jeħtieġx li jittieħed approċċ organiku jew l-approċċ tal-kawża speċifika. Fis-sentenza Lyckeskog il-Qorti tal-Ġustizzja adottat it-tieni approċċ, billi kkonfermat il-konklużjonijiet dettaljati tal-Avukat Ġenerali Tizzano li ġibed l-attenzjoni għat-tendenza progressiva fil-ġurisprudenza għal dak il-qasam [34]. Fil-punt 15 tas-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-konsistenza u l-uniformità jiġu żgurati "fejn […] qrati supremi jkunu marbutin bl-obbligu li jirrinvjaw […] *kif hija kwalunkwe qorti li kontra d-deċiżjoni tagħha ma hemm ebda rimedju ġudizzjarju skont il-liġi nazzjonali* […]"

35. Jien insib is-soluzzjoni għal din il-problema fl-argumenti spjegati hawn fuq, kif ukoll fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Peress li l-interpretazzjoni tal-Artikolu 68 KE għandha tikkonforma mal-prinċipju tal-protezzjoni legali effettiva, jeħtieġ li wieħed jipprova jiżgura li dan jissodisfa r-rekwiżiti ta' dak il-prinċipju [35]. Loġikament, dik il-fehma ġiet espressa fis-sentenza Lyckeskog, peress li din tippermetti żieda fin-numru ta' qrati kompetenti biex jagħmlu referenza għal deċiżjoni preliminari, indipendentement minn jekk ikunux fil-quċċata tal-ġerarkija tas-sistema ġudizzjarja tagħhom. Dak l-approċċ huwa korrett ukoll fejn tintalab deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 68 KE.

36. Barra minn dan, ninnota ċerta armonija bejn is-suġġeriment tiegħi u l-ġurisprudenza dwar kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili

32 — J. Komárek, "In the court(s) we trust? On the need for hierarchy and differentiation in the preliminary ruling procedure", European Law Review, Nru 32, 2007, p. 486 *et seq.*, tipproponi mudell alternattiv għas-sistema ġudizzjarja tal-Komunità, li jikkombina l-ġerarkija mad-differenzazzjoni, billi juża bħala bażi r-restrizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 68 KE.

33 — Sentenza ċċitata iktar 'il fuq.

34 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tizzano tal-21 ta' Frar 2002, punti 32 sa 38. Il-Qorti tal-Ġustizzja ħadet dan l-approċċ fil-ġurisprudenza storika tal-15 ta' Lulju 1964, Costa vs ENEL, (6/64, Ġabra p. 1141), kif ukoll fis-sentenza tal-24 ta' Mejju 1977, Hoffmann-La Roche, (107/76, Ġabra p. 957). Anki jekk biss għal skop ta' interess, inħoss li għandi nindika li, filwaqt li fis-sentenza Lyckeskog il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat il-konklużjonijiet tagħha fuq is-sentenza Costa, hija ċċitat il-kawża b'mod skorrett u bbażat l-approċċ tal-każ speċifiku fuq is-sentenza tas-27 ta' Marzu 1963, Da Costa (Kawżi magħquda 28/62, 29/62 u 30/62, Ġabra p. 61). Ix-xebħ bejn l-ismijiet tal-partijiet fiż-żewġ każijiet huwa ċar, imma, sakemm jien mhux żbaljat, is-sentenza Da Costa, li stabbilit għall-ewwel darba d-duttrina *acte clair*, ftit li xejn tikkontribwixxi għat-tilwima li ġiet deċiża bis-sentenza Lyckeskog.

35 — Il-maġġoranza kbira tal-kittieba akkademiċi jieħdu wkoll din il-pożizzjoni. Huwa partikolarment enfatiku R. Alonso García, El juez español y el Derecho comunitario, Edizzjoni Tirant lo Blanch, Valencia, 2003, pp. 228: "jekk qrati nazzjonali li kontra d-deċiżjonijiet tagħhom ma hemm ebda rimedju ġudizzjarju huma eskluži milli jitolbu deċiżjoni preliminari dwar l-interpretazzjoni jew validità mill-Qorti tal-Ġustizzja, interpretazzjoni ta' din is-sistema konformi mal-approċċ astratt jew organiku tista' twassal għal żbalji serji mhux biss ta' interpretazzjoni imma anki fl-applikazzjoni tat-Titolu IV tat-Trattat, peress li tħalli t-triq miftuħa għal qrati nazzjonali biex jiddikjaraw atti Komunitarji invalidi, u deċiżjonijiet bħal dawn ikunu irriversibbli biss jekk ikunu saru, fl-unika jew l-aħħar stanza, minn qrati inferjuri". Ara wkoll C. Cheneviere, "L'article 68 CE — Rapide survol d'un renvoi préjudiciel mal compris", Cahiers de Droit Européen, Nru 40, 2004, pp. 569 sa 572; P. Girerd, "L'article 68 CE: un renvoi préjudicial d'interpretation et d'application incertaines", Revue Trimestrielle de Droit Européen, Nru 35 (2), 1999, p. 243, u A. Valle Gálvez, "Las nuevas competencias del Tribunal de Justicia de las CCEE tras el Tratado de Ámsterdam", Noticias de la Unión Europea, 2000, Nru 186, p. 29.

u kummerċjali. Fis-sentenza Danmarks Rederiforening [36] il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li kienet ammissibbli talba għal deċiżjoni preliminari bbażata fuq il-protokoll dwar l-interpretazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Konvenzjoni ta' Brussell [37], li rrestrinġiet id-dritt li jintalbu deċiżjonijiet preliminari fid-Danimarka għall-Højesteret (qorti suprema), għalkemm f'dak il-każ partikolari, ir-rinviju kien sar mill-Arbejdsret (qorti tax-xogħol), li kienet qed taġixxi bħala qorti tal-aħħar istanza. Fil-punt 16 tas-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li interpretazzjoni letterali tal-protokoll "kienet twassal għar-riżultat li fid-Danimarka kwistjonijiet li jikkonċernaw l-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Brussell, li jitqajjmu f'kawżi bħal dik preżenti, ma jistgħu qatt ikunu s-suġġett ta' talba għal deċiżjoni preliminari". Għal dawk ir-raġunijiet, ġie deċiż li t-talba għal deċiżjoni preliminari kienet ammissibbli u ġie applikat l-approċċ tal-kawża speċifika fi sfera simili, għalkemm mhux identika, għal dik tal-Artikolu 68 KE [38].

37. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, jien inklinat li nipproponi li, peress li l-Artikolu 68 KE jirreferi għal qrati li kontra d-deċiżjonijiet tagħhom ma hemm ebda rimedju ġudizzjarju, dan japplika għal qrati supremi u għal kwalunkwe qrati nazzjonali oħra li kontra d-deċiżjonijiet tagħhom ma hemm ebda dritt ta' appell.

38. Għalhekk, minkejja l-fatt li l-Juzgado de Primera Instancia e Instrucción n. 5 de San Javier, ma tinsabx fil-quċċata tal-piramida ġudizzjarja, hija kompetenti biex tagħmel talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 68 KE jekk ma hemmx appell kontra d-deċiżjonijiet tagħha. Kull ma fadal biex jiġi stabbilit huwa jekk, skont ir-regoli proċedurali Spanjoli, individwi għandhomx id-dritt li jikkontestaw id-deċiżjonijiet ta' dik il-qorti.

3. Is-sistema ta' rimedji taħt il-liġi ċivili Spanjola

39. Fid-digriet tagħha l-Juzgado de Primera Instancia e Instrucción n. 5 de San Javier tiddikjara li hija kompetenti biex tisma' u tiddeċiedi rikors kontra miżura ta' organizzazzjoni tar-reġistratur tal-istess qorti; miżuri bħal dawn jistgħu jiġu skrutinati permezz ta' kawża għal reviżjoni (Artikolu 224 tal-LEC) li, għalkemm maħsuba biex jiġu kkontestati deċiżjonijiet u digrieti provviżorji (Artikolu 451 tal-LEC), tista' tiġi estiża *ex lege* għal miżuri ta' organizzazzjoni.

40. Skont l-Artikolu 455 tal-LEC, hemm dritt ta' appell kontra deċiżjonijiet finali. Dan il-metodu ta' kontestazzjoni jkopri wkoll digrieti li jiddeterminaw rikorsi għal reviżjoni.

36 — Sentenza tal-5 ta' Frar 2004, DFDS Torline (C-18/02, Ġabra p. I-1417).

37 — Protokoll tat-3 ta' Ġunju 1971 dwar l-interpretazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1968 dwar Ġurisdizzjoni u Infurzar ta' Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali.

38 — Strettament, il-każ ma kienx jaqa' fi ħdan l-iskop tal-Artikolu 68 KE għax għalkemm ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42), kien diġà fis-seħħ meta sar ir-rinviju, dan ma kienx applikabbli fit-territorju Daniż fejn kien possibbli li tiġi invokata biss il-Konvenzjoni ta' Brussell li, fl-Istati Membri l-oħra kien sar att Komunitarju bis-saħħa tar-Regolament.

41. Ir-rikors ordinarju għal reviżjoni, ikkontemplat fil-LEC bħala appell ġenerali kontra deċiżjonijiet u digrieti provviżorji [39], huwa inkwadrat bħala appell mhux devoluttiv fejn il-qorti li tkun tat id-deċiżjoni teżamina lilha nnifisha, billi tirrevedi u, jekk tikkunsidra li jkun xieraq, tannulla d-deċiżjoni [40]. Madankollu, fejn rikors għal reviżjoni jitressaq kontra miżura ta' organizzazzjoni, dan għandu karattru pjuttost differenti, peress li att ta' entità inferjuri huwa kkontestat quddiem entità superjuri: għalhekk miżura adottata minn reġistratur tal-qorti tiġi rriveduta mill-qorti nnifisha. Peress li hemm ġerarkija bejn iż-żewġ entitajiet, l-Artikolu 451 tal-LEC jipprovdi lil individwi b'rimedju, anki jekk għandu ċerti karatteristiċi speċjali meta mqabbel mar-rikors ordinarju għal reviżjoni [41].

42. Dik id-distinzjoni tispjega d-diversità ta' soluzzjonijiet fil-ġurisprudenza nazzjonali. Il-Kummissjoni ċċitatat numru ta' deċiżjonijiet ta' qrati inferjuri li jagħtu awtorizzazzjoni biex isir appell minn digrieti li jiddeċiedu rikors għal reviżjoni ta' miżura ta' organizzazzjoni [42]. Madankollu, dan il-punt ma huwiex ċar għaliex teżisti ġurisprudenza kunfliġġenti [43] u ċertu nuqqas ta' qbil akkademiku [44], li jwassal għall-konklużjoni li ma hemm l-ebda appell minn digrieti bħal dawn f'rikorsi li jikkontestaw miżuri ta' organizzazzjoni. Il-fatt li l-LEC hija test leġiżlattiv reċenti li d-dispożizzjonijiet tagħha għad iridu jgħaddu mill-iskrutinju li jaqa' fil-kompetenza tat-Tribunal Supremo Spanjol (qorti suprema), jista' jikkontribwixxi għal dak id-dibattitu proċedurali. Madankollu, ma hemm ebda dubju li, kif inhuma preżentement l-affarijiet, ma ġiex speċifikament stabbilit taħt il-liġi proċedurali nazzjonali jekk jistax isir appell minn deċiżjoni bħal dik pendenti quddiem il-Juzgado de Primera Instancia e Instrucción n. 5 de San Javier.

43. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandhom jiġu kkunsidrati żewġ affarijiet.

44. L-ewwel nett, huwa importanti li wieħed jiġbed l-attenzjoni għall-pożizzjoni tal-qorti tar-rinviju li din għandha l-istatus ta' qorti tal-aħħar istanza. It-tielet taqsima fid-digriet tar-rinviju tgħid li, fl-opinjoni tal-qorti, l-Artikolu 454 tal-LEC huwa applikabbli, u "[k]onsegwentement…għandu jiġi kkunsidrat li ma hemm ebda appell mid-deċiżjoni jekk jiġix milqugħ jew le ir-rikors għal kooperazzjoni ġudizzjarja". It-tilwima bejn il-qrati Spanjonli fuq is-suġġett tal-LEC għandha tiġi deċiża mill-ogħla qorti tal-Istat Membru u qatt mill-Qorti tal-Ġustizzja li, kieku kellha tinterpreta

39 — L-Artikoli 451 sa 454 tal-LEC.

40 — T. Armenta Deu, Lecciones de Derecho Procesal Civil, it-tielet edizzjoni, Marcial Pons, Madrid, 2007, pp. 239 sa 241, u I. Díez-Picazo, u A. Oliva Santos, Derecho Procesal Civil. El proceso de declaración, it-tielet edizzjoni, Edizzjoni Ramón Areces, Madrid, 2004, pp. 251 u 252.

41 — Fil-fatt, qabel il-verżjoni tal-2000 tal-LEC, il-metodu għall-kontestazzjoni ta' deċiżjonijiet ta' reġistraturi tal-qorti kien ir-rikors għar-reviżjoni. Il-verżjoni attwali tal-Artikolu 224 tal-LEC iżżomm traċċa tan-nomenklatura antika, billi tagħmel referenza, fit-titolu, għar-"*reviżjoni* ta' miżuri ta' organizzazzjoni" (enfażi miżjuda). Għaldaqstant, jista' jiġi konkluż li l-użu tar-rikors għal reviżjoni biex jiġu kkontestati miżuri ta' organizzazzjoni huwa rimedju eċċezzjonali li xejn ma huwa konformi mal-istruttura tal-kawżi non-devoluttivi.

42 — Digrieti tal-Audiencia Provincial (Qorti Provinċjali), Castellón tas-26 ta' Ġunju 2006 u tal-Audiencia Provincial de Cáceres tal-24 ta' Jannar 2006.

43 — Digriet tal-Audiencia Provincial, Madrid tal-25 ta' Jannar 2005.

44 — M. Aguilera Morales, "Resoluciones judiciales y diligencias de ordenación", Tribunales de justicia: Revista española de derecho procesal, Nru 3, 2000, p. 277, u A. Bonet Navarro, Los recursos en el proceso civil, La Ley, Madrid, 2000, p. 88.

l-Artikolu 454 tal-LEC, tkun qed iġġib ruħha bħal qorti ċivili Spanjola u tieħu parti f'tilwima li għandha tiġi deċiża mill-qrati Spanjoli [45]. Jekk il-qorti tar-rinviju hija ċerta li d-deċiżjonijiet tagħha ma humiex suġġetti għal appell, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tqiegħed il-fiduċja tagħha f'dik il-qorti, li rrikorriet għandha biex tingħata kriterji dwar l-interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju.

45. It-tieni nett, b'referenza għal punti 28 sa 37 ta' dawn il-konklużjonijiet, fejn iqumu inċertezzi, huwa xieraq li jintgħażel l-approċċ li huwa l-iktar favorevoli għat-talba għal deċiżjoni preliminari. Għalhekk, il-konfużjoni inerenti fil-liġi proċedurali Spanjola jista' jkollha eżitu wieħed għar-rigward tal-kawża preżenti, ċoè r-rikonoxximent tal-kompetenza tal-qorti tar-rinviju.

4. Korollarju

46. Għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, peress li l-Artikolu 68 KE ma jipprovdix li l-qrati għandhom ikunu fil-quċċata tal-istruttura ġudizzjarja u peress li, wara li tivvaluta ċ-ċirkustanzi tal-każ, il-Juzgado de Primera Instancia e Instrucción n. 5 de San Javier ser tagħti deċiżjoni li ma hijiex suġġetta għal appell, l-ewwel eċċezzjoni tal-inammissibbiltà mqajjma mill-Kummissjoni għandha tinċaħad.

B — *It-tieni oġġezzjoni dwar l-ammissibbiltà: l-eżistenza ta' tilwima fil-kawża prinċipali*

47. Għad irid jiġi stabbilit jekk il-qorti Spanjola tissodisfax kundizzjoni essenzjali oħra sabiex tagħmel talba għal deċiżjoni preliminari. Din id-darba, b'kuntrast mal-punt preċedenti, il-kundizzjoni kkontestata għandha l-oriġini tagħha fil-ġurisprudenza, li teħtieġ li d-domanda għandha tqum fil-kuntest ta' kawża. Fi kliem il-Qorti tal-Ġustizzja, "qorti nazzjonali tista' tagħmel domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ biss li jkun hemm kawża pendenti quddiemha u jekk tiġi msejjħa tagħti sentenza fi proċeduri maħsuba biex iwasslu għal deċiżjoni ta' natura ġudizzjarja" [46]. Il-Kummissjoni ssostni li l-Juzgado de Primera Instancia e Instrucción n. 5 de San Javier għandha quddiemha tilwima li ma hijiex *inter partes,* u barra minn dan, li fiha hija ma teżerċita ebda awtorità ġudizzjarja. Għalhekk, il-Kummissjoni titlob biex it-talba għal deċiżjoni preliminari tiġi ddikjarata inammissibbli.

48. Huwa ċar li r-raġunijiet għall-inammissibbiltà mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja għar-rigward tal-Artikolu 234 KE huma applikabbli bl-istess mod għal talbiet għal deċiżjonijiet preliminari taħt l-Artikolu 68 KE. Il-kliem ta' din id-dispożizzjoni,

45 — Il-Qorti tal-Ġustizzja hija kompetenti biex tinterpreta d-dritt Komunitarju u l-qorti nazzjonali hija kompetenti biex tidentifika u tinterpreta l-liġi nazzjonali applikabbli. Dik il-linja ta' demarkazzjoni, ibbażata fuq ir-rispett għall-awtonomija proċedurali tal-qrati nazzjonali, għandha għeruq fil-fond fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [sentenzi tat-30 ta' April 1974, Sacchi, (C-155/73, Ġabra p. 409); tal-20 ta' Mejju 1976, Mazzalai (111/75, Ġabra p. 657); tat-8 ta' Novembru 1990, Gmurzynska-Bscher (C-231/89, Ġabra p. I-4003); tal-11 ta' Settembru 2008, Unión General de Trabajadores de La Rioja (Kawżi magħquda C-428/06 sa C-430/06, Ġabra p. I-6747)].

46 — Digrieti tat-18 ta' Ġunju 1980, Broker (138/80, Ġabra p. 1975); u tal-5 ta' Marzu 1986, Greis Unterweger (318/85, Ġabra p. 955, punt 4); kif ukoll is-sentenza tad-19 ta' Ottubru 1995, Job Centre (C-111/94, Ġabra p. I-3361, punt 9).

li tistipula li l-Artikolu 234 KE "għandu japplika għal dan it-titolu [IV]", juri li s-sistema tad-deċiżjoni preliminari u l-ġurisprudenza rilevanti huma applikabbli b'mod sħiħ, suġġett biss għall-eċċezzjonijiet li huma stipulati fl-Artikolu 68 KE [47]. Għaldaqstant, konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar ir-raġunijiet ta' inammissibbiltà taħt it-Titolu IV KE, huwa xieraq li jiġu analizzati numru ta' sentenzi.

1. L-obbligu li għandu jkun hemm tilwima

49. Is-suċċess tal-proċedura tad-deċiżjoni preliminari jinsab prinċipalment fit-termini wiesgħin magħżula mill-Istati fundaturi meta fformulaw l-Artikolu 234 KE, li madankollu, għamilha possibbli li jiġu stipulati ċerti restrizzjonijiet dwar rinviju għal deċiżjoni preliminari: li t-talba għandha ssir minn "qorti jew tribunal" [48]; id-digriet tar-rinviju għandu jispjega l-kuntest fattwali u leġiżlattiv tad-domandi li jsiru [49]; domandi ipotetiċi jew fittizji ma humiex permessi [50]; u, konness mal-punt preżenti, għandu jkun hemm tilwima [51].

50. Hemm relazzjoni speċjali bejn l-ewwel u l-aħħar kundizzjoni msemmija. It-tifsira ta' "qorti jew tribunal" tistabbilixxi l-limiti għar-rigward tal-parteċipanti fid-djalogu Komunitarju; mhux l-entitajiet kollha jistgħu jieħdu sehem f'dak id-djalogu li minflok huwa restrittiv għal entitajiet investiti bil-ġurisdizzjoni. Fis-sentenza Vassen-Göbbels [52] il-Qorti tal-Ġustizzja dehret li evalwat b'mod rigoruż il-kriterju li entità għandha tissodisfa sabiex tipparteċipa fid-djalogu. Fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża De Coster [53], jien ippproponejt ir-riformulazzjoni ta' dik il-ġurisprudenza, li kienet ġiet żviluppata sussegwentement b'tali mod li ġiet segwita b'inċertezza legali kunsiderevoli. Ninnota li reċentement il-Qorti tal-Ġustizzja qed tkun iktar inklinata li tirrestrinġi d-djalogu għal entitajiet li huma tassew ta' natura ġudizzjarja. Mis-sentenzi l-iktar reċenti jista' jiġi dedott li qed tiġi stabbilita reviżjoni iktar restrittiva, konformi mal-ispirtu oriġinali tas-sentenza Vaassen-Göbbels, u dak l-approċċ jiġi llaxkat biss f'ċerti każijiet fl-interess tal-protezzjoni legali effettiva [54].

51. It-tifsira ta' "qorti jew tribunal" hija marbuta mill-qrib mat-tifsira ta' "tilwima" għaliex, sabiex jiġi żgurat jekk entità tiddispensax il-ġustizzja konformi mal-kriterji tas-sentenza Vaassen-Göbbels, għandu jkun hemm proċeduri legali *inter partes*. Minkejja din l-hekk imsejħa rabta, iż-żewġ kriterji huma differenti u l-Qorti tal-Ġustizzja ġustament eżaminathom b'mod separat.

52. Anki meta entità tifforma parti mill-istruttura ġudizzarja ta' Stat, din mhux

47 — Il-Qorti tal-Ġustizzja applikat din il-ġurisprudenza għal talbiet għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 35 UE, u sostniet li, "l-istess bħall-Artikolu 234 KE, l-Artikolu 35 UE jissuġġetta talba lill-Qorti tal-Ġustizzja, għal deċiżjoni preliminari, għall-kundizzjoni li l-qorti nazzjonali "tikkunsidra li deċiżjoni dwar dik il-kwistjoni hi meħtieġa biex tkun tista' tagħti sentenza", b'mod illi l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja relatata mal-ammissibbiltà ta' talbiet skont l-Artikolu 234 KE, tista', fil-prinċipju, tiġi trasposta fit-talbiet għal deċiżjonijiet preliminari ppreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja skond l-Artikolu 35 UE" [sentenza tas-16 ta' Ġunju 2005, Pupino (C-105/03, Ġabra p. I-5285, punt 29)]. Jien ma neskludix il-posibbiltà li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tbiddel dan il-kriterju fil-futur, peress li nazzarda nemfasizza li, f'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kriterji tradizzjonali dwar l-ammissibbiltà kienu applikabbli "*fil-prinċipju*".

48 — Sentenza tat-30 ta' Ġunju 1966, Vaassen-Göbbels (61/65, Ġabra p. 377).

49 — Sentenza tas-26 ta' Jannar 1993, Telemarsicabruzzo *et* (Kawżi magħquda C-320/90 sa C-322/90, Ġabra p. I-393, punt 6).

50 — Sentenza tas-16 ta' Diċembru 1981, Foglia (244/80, Ġabra p. 3045, punti 18 u 20).

51 — Sentenza Job Centre ċċitata iktar 'il fuq.

52 — Sentenza ċċitata iktar 'il fuq.

53 — Konklużjonijiet tat-28 ta' Ġunju 2001, fil-Kawża C-17/00, De Coster (sentenza tad-29 ta' Novembru 2001, Ġabra p. I-9445).

54 — Sentenzi tat-30 ta' Mejju 2002, Schmid (C-516/99, Ġabra p. I-4573, punt 34); u tal-31 ta' Mejju 2005, Syfait *et* (C-53/03, Ġabra p. I-4609, punti 31 sa 35).

dejjem taġixxi fl-eżerċizzju ta' poteri ġudizzjarji. L-ewwel kundizzjoni tikkonċerna s-*suġġetti* tad-djalogu dwar deċiżjoni preliminari. L-aħħar kundizzjoni tikkonċerna l-*funzjonijiet* imwettqa miż-żewġ parteċipanti. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ikkonċepiet waħda mir-raġunijiet dwar ammissibbiltà li hija konnessa man-natura tal-entità kkonċernata u raġuni oħra mal-funzjonijiet li din twettaq. Fi kliem ieħor, anki jekk għandha l-attributi ta' qorti, entità mhux dejjem teżerċita awtorità ġudizzjarja. Huma aspetti separati li, korrettement fil-fehma tiegħi, huma ttrattati b'mod differenti.

53. L-imġieba tal-Qorti tal-Ġustizzja hija waħda loġika. Il-proċedura tad-deċiżjoni preliminari hija fformulata bħala kooperazzjoni bejn il-qrati bil-għan li tintlaħaq soluzzjoni uniformi li hija xierqa għall-każ ikkonċernat u li tkun kompatibbli mal-prinċipju tal-konsistenza tad-dritt Komunitarju. Għaldaqstant, din hija relazzjoni kostruttiva *bejn il-qrati* u mhux bejn il-*kawżi,* li tispjega s-sottilezza użata mill-Qorti tal-Ġustizzja meta tfisser il-kunċett ta' qorti jew tribunal; madankollu, ġaladarba l-parteċipanti f'dik il-kooperazzjoni ġew stabbiliti, hija qed tkun ħafna iktar flessibbli. Inkella, din tista' twassal għal riżultati pjuttost strambi: pereżempju, il-klassifikazzjoni ta' entitajiet mhux ġudizzjarji bħala qrati jew tribunali twassal biex titnaqqas l-importanza tal-obbligu li jrid ikun hemm tilwima sal-punt li tisparixxi għal kollox; madankollu jekk jittieħed l-approċċ alternattiv, l-eżitu jkun preokkupanti bl-istess mod, peress li entità kważi-ġudizzjarja mhux probabbli li twettaq funzjoni ġudizzjarja u, għaldaqstant qatt ma tkun kompetenti li tagħmel talba għal deċiżjoni preliminari.

54. Hemm ukoll raġunijiet ta' politika ġudizzjarja li għandhom jiġu kkunsidrati, peress li Qorti tal-Ġustizzja tidħol fi skambju ta' opinjonijiet mal-qrati nazzjonali sabiex sussegwentement dawk il-qrati jkunu jistgħu jeżerċitaw il-poteri tradizzjonali ta' qorti, bħal pereżempju l-adozzjoni ta' miżuri provviżorji, l-infurzar ta' sentenzi, u l-protezzjoni ta' salvagwardji proċedurali. Dawk il-poteri huma disponibbli wkoll għal qrati meta jieħdu konjizzjoni ta' proċeduri legali li ma humiex għal kollox *inter partes* jew fejn il-funzjoni tagħhom hija iktar ta' natura amministrattiva. Biex ikun possibbli għal qorti nazzjonali, bħala qorti tad-dritt Komunitarju, li tagħti u tinforza d-deċiżjoni tagħha fid-dawl tad-dispożizzjonijiet Komunitarji, id-deċiżjoni dwar jekk teżistix jew le tilwima trid tittieħed bir-reqqa.

2. Kawża *inter partes* u n-natura tal-funzjoni ġudizzjarja: żewġ elementi tal-istess obbligu

55. F'din il-kawża, għalkemm il-qorti tarrinviju hija parti mis-sistema ġudizzjarja Spanjola, jeżistu inċertezzi dwar jekk ir-rikors ikkonċernat huwiex *inter partes* u jekk id-deċiżjoni tal-qorti hijiex ta' natura ġudizzjarja. Minkejja l-fatt li żewġ elementi trikbu f'xulxin b'tali mod li flimkien jiffurmaw l-obbligu li għandu jkun hemm tilwima, huma aspetti differenti li ġew ikkunsidrati separatament fil-ġurisprudenza.

56. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ma qisitx bħala kruċjali l-obbligu li l-proċeduri legali għandhom ikunu *inter partes* sabiex qorti nazzjonali tagħmel talba għal deċiżjoni preliminari [55]. Ġaladarba l-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn qrati tiġi kkonfermata, il-qorti nazzjonali għandha miżura ta' diskrezzjoni kunsiderevoli meta tiġi biex tagħmel rinviju. Il-Qorti tal-Ġustizzja affermat mill-ġdid dik il-pożizzjoni f'diversi okkażjonijiet, fejn sostniet li "l-obbligu li l-proċedura tkun *inter partes* mhux kriterju assolut" [56].

57. Fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża De Coster jien ġbidt l-attenzjoni għan-nuqqas ta' ċarezza rigward l-obbligu li proċeduri jkunu *inter partes* [57]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma stipulatx bħala regola ġenerali li huma ammissibbli t-talbiet kollha għal deċiżjoni preliminari meta jkun hemm parti waħda biss fil-proċeduri legali nazzjonali. Madankollu, hija stabbilit tlett kriterji li għandhom jiġu sodisfatti biex proċeduri legali jkunu *inter partes*: l-ewwel nett, ikun biżżejjed jekk individwu għandu pretensjoni ta' dritt u qed jitlob li tingħata deċiżjoni minn qorti; it-tieni nett, dik il-pretensjoni għandha titfisser b'mod ċar f'termini kemm ta' fatti u kemm ta' liġi; it-tielet nett, il-qorti nazzjonali għandha tiżgura l-osservanza tas-salvagwardji proċedurali kollha meta teżerċita ġurisdizzjoni. Ir-referenza għal dan it-tielet kriterju tinsab fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ladarba l-kriterji ġew stabbiliti, ilkoll kemm huma pprovati b'mod tattiku u pjuttost diżorganizzat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, l-obbligu li proċeduri legali għandhom ikunu *inter partes*, tqies li ġie sodisfatt għall-għanijiet tal-Artikolu 234 KE.

58. Dinamika simili tirregola l-kunsiderazzjoni tan-natura tal-funzjoni ġudizzjarja. Fis-sentenza Job Centre [58] il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat tentattivament illi l-qorti nazzjonali għandha twettaq funzjoni ġudizzjarja fis-sens strett tal-kelma. Din il-ġurisprudenza ġiet sussegwentement ikkonfermata imma t-tifsira vera tagħha toħroġ ċara meta jiġi eżaminat mill-qrib il-kuntest ta' kull tilwima. Għaldaqstant, fis-sentenza Job Centre, it-Tribunale civile e penale ta' Milan kellu quddiemu rikors għall-konferma ta' memorandum ta' assoċjazzjoni ta' kumpannija fi proċedura mhux kontenzjuża. Peress li d-deċiżjoni mitluba mit-Tribunale kienet digriet biex tiġi rreġistrata kumpannija, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma kien hemm ebda attività ġudizzjarja. Il-Qorti tal-Ġustizzja sabet li dan il-kriterju ma kienx ġie sodisfatt anki fis-sentenza Salzmann [59], fejn il-Bezirksgericht Awstrijak irrinvijat domanda għal deċiżjoni preliminari fil-kapaċità tagħha ta' qorti responsabbli għaż-żamma tar-registru tal-artijiet. Dik l-istess konklużjoni ntlaħqet fis-sentenza HSB-Wohnbau [60], fejn kienet intalbet deċiżjoni preliminari mill-Amtsgericht Heidelberg fil-kapaċità ta' qorti responsabbli għaż-żamma tar-reġistru kummerċjali.

59. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat talbiet għal deċiżjonijiet preliminari bħal dik li saret mill-president tat-Tribunale di Torino fi proċedura sommarja li ma involviet

55 — Tnaqqis fl-importanza tal-obbligu *inter partes* beda fis-sentenza tal-14 ta' Diċembru 1971, Politi (43/71, Ġabra p. 1039). Fis-sentenza tal-21 ta' Frar 1974, Birra Dreher (162/73, Ġabra p. 201), il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat il-konklużjonijiet tagħha b'mod konċiż fuq dawn il-kriterji inqas ibsien li l-konklużjoni tagħha li rinviju għal deċiżjoni preliminari mhux suġġett għal kundizzjoni li l-proċedura li tikkonkludi b'talba għal deċiżjoni preliminari għandha tkun ikkontestata.

56 — Sentenzi tal-21 ta' Marzu 2000, Gabalfrisa *et* (C-110/98 sa C-147/98, Ġabra p. I-1577, punt 37); u tad-29 ta' Novembru 2001, De Coster (C-17/00, Ġabra p. I-9445, punt 14).

57 — Konklużjonijiet iċċitati iktar 'il fuq, punti 29 sa 38.

58 — Sentenza ċċitata iktar 'il fuq.

59 — Sentenza tal-15 ta' Mejju 2003, Salzmann (C-300/01, Ġabra p. I-4899).

60 — Digriet tal-10 ta' Lulju 2001, HSB-Wohnbau (C-86/00, Ġabra p. I-5353).

ebda diskussjoni bejn il-partijiet u li ġiet deċiża b'digriet [61]. Anki l-Pretori Taljani ġew ikkunsidrati li jaqdu funzjoni ġudizzjarja meta dawn jikkombinaw il-funzjonijiet ta' maġistrat inkwirenti u ta' prosekutur, bħalma kien il-każ fis-sentenza X u Pretore di Salò [62]. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat ukoll sitwazzjonijiet meta nominalment deċiżjoni tittieħed minn entità politika imma d-deċiżjoni sostantiva titħalla f'idejn qorti. Dan kien il-każ fis-sentenza Garofalo [63], fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tiddetermina jekk il-Kunsill tal-Istat Taljan ikkonformax mal-obbligi tal-Artikolu 234 KE meta ħareġ opinjoni fil-kuntest ta' rikors straordinarju, bid-deċiżjoni finali dwarha tiġi rriferuta lill-President tar-Repubblika għal deċiżjoni formali. Barra dan, ir-rwol konsultattiv ta' ċerti qrati, li ma jagħtux deċiżjonijiet li jorbtu, ġew ikkunsidrati suffiċjenti għal talba għal deċiżjoni preliminari konformi mas-sentenzi f'Österreichischer Gewerkschaftsbund [64] u Felix Swoboda [65]. Reċentement, meta tat it-tieni deċiżjoni preliminari tagħha skont il-proċedura urġenti, il-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza Santesteban Goicoechea [66], aċċettat rinviju mid-diviżjoni istruttorja tal-qorti tal-appell Franċiża. Skont il-Kunsill tal-Istat Franċiż, entitatjiet bħal dawn għandhom ġurisdizzjoni amministrattiva meta, kif ġara f'dan il-każ, dawn jagħtu opinjoni dwar talba għal estradizzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonċentrat l-analiżi tagħha fuq in-natura vinkolanti tad-deċiżjonijiet ta' dawk l-entitajiet u ma tatx wisq importanza għan-natura mhux ġudizzjarja tad-deċiżjonijiet tagħhom [67].

60. Barra minn dan, fejn l-obbligi biex tiġi stabbilita funzjoni ġudizzjarja ma jiġux sodisfatti, il-Qorti tal-Ġustizzja stipulat eċċezzjoni speċjali fis-sentenza Job Centre fejn, wara li ddikjarat li t-Tribunale di Milano ma kellux ġurisdizzjoni abbażi li kien qed jeżerċita awtorità amministrattiva, il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet biex isostni: "huwa biss jekk persuna li għandha dritt taħt il-liġi nazzjonali li tapplika għal din il-konferma, titlob reviżjoni ġudizzjarja ta' deċiżjoni li tiċħad dik l-applikazzjoni — u għalhekk tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni — li tista' l-qorti inkwistjoni titqies li qed teżerċita funzjoni ġudizzjarja, għall-għanijiet tal-Artikolu [234], għar-rigward ta' rikors għal annullament ta' miżura li taffettwa b'mod ħażin lir-rikorrent". [68] Dik il-bidla fil-ġurisprudenza għandha skop ta' min ifaħħru, peress li, fejn rinviju għal deċiżjoni preliminari fi proċedura kważi-ġudizzjarja jiġi ddikjarat inammissibbli, hemm ir-riskju li s-sistema ta' rimedji kontra d-deċiżjonijiet tal-qorti kkonċernata hija wkoll ta' natura mhux tas-soltu. F'dawk iċ-ċirkustanzi t-talba għal deċiżjoni preliminari ma tasal qatt quddiem il-qorti tal-Ġustizzja, indipendentement mill-importanza tat-tilwima u l-konsistenza tad-dritt Komunitarju.

61. Il-Qorti tal-Ġustizzja applikat dik l-eċċezzjoni fis-sentenza Cartesio [69], fuq talba għal deċiżjoni preliminari mill-Szegedi Ítélőtábla tal-Ungerija, f'appell kontra deċiżjoni li rrifjutat reġistrazzjoni adottata minn qorti kummerċjali. Minkejja l-fatt li l-proċedura fl-ewwel istanza ma kinitx *inter partes* u d-deċiżjoni li ddeċidiet dik il-proċedura ma kinitx ta' natura ġudizzjarja, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, minkejja l-fattispeċi

61 — Sentenza Politi, iċċitata iktar 'il fuq.

62 — Sentenzi tal-5 ta' Mejju 1977, Pretore di Cento/X (110/76, Ġabra p. 851); u tal-11 ta' Ġunju 1987, Pretore di Salò/X (14/86, Ġabra p. 2545, punt 7).

63 — Sentenza tas-16 ta' Ottubru 1997, Garofalo *et* (C-69/96 sa C-79/96, Ġabra p. I-5603, punti 19 sa 26).

64 — Sentenza tat-30 ta' Novembru 2000, Österreichischer Gewerkschaftsbund (C-195/98, Ġabra p. I-10497, punti 24 sa 30).

65 — Sentenza tal-14 ta' Novembru 2002, Felix Swoboda (C-411/00, Ġabra p. I-10567, punti 25 sa 27).

66 — Sentenza tat-12 ta' Awissu 2008, Santesteban Goicoechea (C-296/08 PPU, Ġabra p. I-6307).

67 — *Ibid.*, punt 36.

68 — Sentenza Job Centre, iċċitata iktar 'il fuq, punt 11.

69 — Sentenza Cartesio, iċċitata iktar 'il fuq, punti 58 sa 60.

partikolari tal-proċedura, fl-istadju tal-appell kien hemm biżżejjed raġunijiet biex tiġi applikata l-eċċezzjoni stipulata fis-sentenza Job Centre. Huwa importanti li jiġi rrilevat li l-proċedura fl-ewwel istanza u fl-appell instemgħet minn żewġ qrati differenti, li kien hemm fatturi proċedurali speċjali qawwija, u li Cartesio kienet l-unika parti li rreġistrat dehra. Madankollu, għall-għanijiet biex jiġu indirizzati l-inċertezzi li tqajjmu fil-proċeduri legali, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet il-ġurisdizzjoni tal-qorti tal-appell li għamlet talba għal deċiżjoni preliminari.

pprekludietha milli tibbaża fuq ir-Regolament (KE) Nru 1348/2000 u li kellha effett dirett fuq id-drittijiet legali tagħha. L-għan tar-rikors huwa li titħaffef in-notifika ta' atti ġudizzjarji jew extra ġudizzjarji, speċifikament biex tipproteġi l-poteri u d-drittijiet ta' dawk li huma kompetenti jew għandhom id-dmir li jinnotifikaw ċerti atti. Għaldaqstant, huwa ċar li Roda Golf għandha interess dirett biex tressaq rikors għal reviżjoni.

3. Il-ġurisprudenza applikata għall-kawża preżenti

62. Jista' jiġi dedott mid-digriet tar-rinviju u mil-liġi nazzjonali applikabbli għall-proċeduri legali prinċipali li l-Juzgado de Primera Instancia e Instrucción n. 5 de San Javier qed tieħu konjizzjoni ta' rikors għar-reviżjoni ta' miżura ta' organizzazzjoni adottata mir-reġistratur ta' dik il-qorti, li iddeċidiet li talba għannotifika ta' atti extra ġudizzjarji hija inammissibbli. Jeħtieġ li jiġi stabbilit jekk talba għal deċiżjoni preliminari hijiex ammissibbli fid-dawl ta' żewġ elementi indipendenti: l-obbligu minn banda li l-proċeduri għandhom ikunu *inter partes*, u mill-banda l-oħra l-obbligu li d-deċiżjoni tal-qorti tar-rinviju għandha tkun ta' natura ġudizzjarja.

a) Il-prinċipju *inter partes* fil-kawża preżenti

63. Roda Golf ppreżentat rikors għal reviżjoni kontra deċiżjoni ta' reġistratur ta' qorti li

64. Barra dan, matul ir-reviżjoni l-qorti tar-rinviju tikkunsidra biss jekk kienx hemm ksur ta' "xi dispożizzjonijiet legali" (l-Artikolu 224 (2) tal-LEC). Id-deċiżjoni li tiddeċiedi r-rikors, tikkonferma jew tiċħad argument legali. Għalhekk, il-qorti tar-rinviju tieħu konjizzjoni ta' materja li ġiet delimitata minn qabel fir-rikors ippreżentat minn Roda Golf.

65. Fl-aħħar nett, rikorsi għal reviżjoni huma rregolati mil-leġiżlazzjoni ċivili dwar ir-reviżjoni ta' digriet, deċiżjonijiet provviżorji u, b'mod eċċezzjonali, miżuri ta' organizzazzjoni. Rikorsi bħal dawn huma suġġetti għar-regoli ġenerali dwar appelli u għall-prinċipji inerenti fi protezzjoni ġudizzjarja effettiva [70]. Il-qorti tar-rinviju għandha tiżgura l-osservanza tas-salvagwardji proċedurali kollha li għalihom hija intitolata fi kwalunkwe kontestazzjoni li titqajjem quddiem il-qrati ċivili Spanjoli.

70 — I. Díez-Picazo, u A. De la Oliva Santos, Derecho procesal civil, *op. cit.*,

66. Konsegwentement, il-proċeduri prinċipali huma *inter partes* għall-għanijiet tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari.

b) In-natura ġudizzjarja tal-funzjoni mwettqa mill-qorti tar-rinviju fil-każ preżenti

67. Meta adotta l-miżura ta' organizzazzjoni li ġiet ikkontestata fil-proċeduri legali prinċipali, ir-reġistratur tal-qorti ma kienx qed jaġixxi bħala awtorità ġudizzjarja. Il-dmirijiet li individwi nkarigati biex jassistu imħallfin għandhom iwettqu ma jittrasformawx lil dawk l-individwi fi qrati. Huwa sinjifikanti li d-deċiżjonijiet tagħhom jistgħu jiġu rriveduti mis-superjuri tagħhom fil-ġerarkija konformi mal-Artikolu 224 tal-LEC. Barra minn dan, ikun hemm ksur tal-ġurisprudenza Job Centre li kieku kellu r-rinviju jitqajjem bħala riżultat ta' proċeduri li jkollhom bħala l-uniku skop tagħhom in-notifika ta' atti taħt ir-Regolament (KE) Nru 1348/2000, peress li l-miżuri stipulati f'dik id-dispożizzjoni jiġu użati biex jissorveljaw it-tħaddim korrett tal-proċedura ċivili imma mhux tal-proċeduri legali infushom.

68. Madankollu, fil-każ preżenti, huwa xieraq li tiġi applikata l-eċċezzjoni stipulata fis-sentenza Job Centre, li konformi magħha t-talba għal deċiżjoni preliminari hija ammissibbli jekk tqum fil-kuntest ta' kawża sussegwenti minkejja l-fatt li l-kompetenza oriġinali rigward il-materja ma kinitx ġudizzjarja. Kif spjegajt hawn fuq, la meta tqis l-ewwel deċiżjoni dwar it-talba u lanqas fir-rigward tal-materja inkwistjoni il-Juzgado de Primera Instancia e Instrucción n. 5 de San Javier ma hijiex taġixxi f'kuntest ġudizzjarju fil-każ irrinvjat. Madankollu, meta qed titlob li tingħata deċiżjoni preliminari fil-kuntest ta' kawża għal reviżjoni, il-qorti tar-rinviju "[1]qed teżerċita funzjoni ġudizzjarja […] fir-rigward ta' rikors għal annullament ta' miżura li taffettwa ħażin ir-rikorrent" [71].

69. Kif diġa argumentajt, kawżi għal reviżjoni huma rimedji tal-liġi ċivili Spanjola li huma kklassifikati bħala appelli mhux devoluttivi għax jinstemgħu mill-qorti li tkun tat id-deċiżjoni kkontestata. Kawżi għal reviżjoni huma rregolati b'regoli speċifiċi imma wkoll bid-dispożizzjonijiet ġenerali tal-LEC. Dan l-argument huwa sostnut mill-fatt li l-kawża tista' ssir fejn ikun hemm prova ta' interess dirett, fejn il-materja titfisser b'mod ċar u fejn ikun hemm konformità totali mas-salvagwardji proċedurali, kif nispjega fil-punti 62 sa 64 ta' dawn il-konklużjonijiet.

70. Għaldaqstant, in-natura ġudizzjarja tal-funzjoni mwettqa tiġi stabbilita għall-għanijiet tat-talba għal deċiżjoni preliminari.

71 — Sentenza Job Centre, punt 11, iċċitata iktar 'il fuq.

4. Korollarju

71. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha msemmija iktar 'il fuq, peress li ġie kkonfermat li l-proċeduri legali prinċipali huma *inter partes* u li l-funzjoni mwettqa mill-qorti tar-rinviju hija ta' natura ġudizzjarja, jien nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiċħad it-tieni eċċezzjoni dwar l-inammissibbiltà mqajjma mill-Kummissjoni.

VI — Id-domanda preliminari

72. L-għan tar-Regolament (KE) Nru 1348/2000 kien li jitjieb is-suq intern, għar-raġuni li l-effiċjenza u l-veloċità fin-notifika ta' atti ġudizzjarji u extra ġudizzjarji jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-għanijiet tat-Trattati. Din ma kinitx inizjattiva ġdida peress li sa mis-snin sittin, fil-kuntest tal-Konferenza tal-Aja, il-Konvenzjoni tal-1965 dwar dan is-suġġett kienet ġiet adottata u minn dakinhar 'il hawn ġiet irratifikata mill-parti l-kbira tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea [72]. It-Trattat ta' Amsterdam kien żamm milli tidħol fis-seħħ konvenzjoni oħra dwar in-notifika ta' atti, li ġiet ippreparata konformi mal-Artikolu K.3 UE ta' qabel [73], imma s-suġġett tagħha tqajjem mill-ġdid fir-Regolament li issa l-Qorti tal-Ġustizzja qed tintalab li tinterpreta.

73. Kif jissuġġerixxi t-titolu, ir-Regolament (KE) Nru 1348/2000 jikkonċerna n-notifika ta' atti ġudizzjarji u extra ġudizzjarji imma huwa limitat għal materji ċivili u kummerċjali. Il-Juzgado de Primera Instancia e Instrucción n. 5 de San Javier trid li tingħata tifsira preċiża ta' atti extra ġudizzjarji għaliex ma hijiex ċerta jekk att notarili ta' notifika u talba, li jakkumpanja 16–il ittra li jagħtu avviż tat-terminazzjoni ta' kuntratt ta' bejgħ, huwiex dak it-tip ta' att.

74. Żewġ perspettivi differenti imma li f'xi waqtiet jintrabtu flimkien huma evidenti mill-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati f'dawn il-proċeduri ta' deċiżjoni preliminari. Minn naħa, żewġ Stati Membri jsostnu li atti extra ġudizzjarji jistgħu jiġu nnotifikati skont ir-Regolament (KE) Nru 1348/2000 fil-każ biss fejn jinbdew proċeduri ta' qorti. Peress li s'issa għadhom ma nbdewx proċeduri dikjaratorji ordinarji fuq il-materja li ġiet irrinvjata mill-Juzgado de Primera Instancia e Instrucción n. 5 de San Javier, dawk l-Istati Membri ippproponew li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrestringi n-notifika ta' atti extra ġudizzjarji għal sitwazzjonijiet fejn ikun hemm proċeduri legali pendenti, u ħadu l-pożizzjoni li dan għandu jirriżolvi d-domanda rrinvjata mill-qorti Spanjola. Min-naħa l-oħra, l-maġġoranza tal-Istati Membri, flimkien mal-Kummissjoni u r-rikorrenti fil-proċeduri prinċipali, jikkontendu li r-Regolament (KE) Nru 1348/2000 japplika għan-notifika ta' atti extra ġudizzjarji anki fejn ma jkunux inbdew proċeduri legali, billi jibbażaw l-argument tagħhom fuq l-Artikolu 16 tar-Regolament, li jirregola atti bħal dawn.

75. Il-qorti tar-rinviju għamlet żewġ domandi u dik id-duwalità hija riflessa fil-fehmiet

72 — Il-Konvenzjoni dwar in-Notifika Barra mill-pajjiż ta' Dokumenti Ġudizzjarji u Extra Ġudizzjarji f'Materji Ċivili jew Kummerċjali, konkluża fil-15 ta' Novembru 1965. Illum, il-Konferenza ta' Den Haag dwar id-Dritt Internazzjonali Privat tistqarr fid-database tagħha li, fl-UE, huma biss l-Awstrija u Malta li ma rratifikawx il-Konvenzjoni.

73 — Konvenzjoni li ġiet ridotta abbażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar in-notifika fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ta' dokumenti ġudizzjarji u extra ġudizzjarji f'materji ċivili u kummerċjali, iffirmata fis-26 ta' Mejju 1977 (ĠU 1997 C 261, p. 2).

imressqa minn dawk li ppartećipaw f'dawn il-proċeduri legali. Hemm kontinwità ċara bejn iż-żewġ domandi anki jekk dawn huma żewġ entitajiet separati, u għalhekk jien nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha taġixxi bl-istess mod billi l-ewwel nett tikkunsidra jekk ir-Regolament Nru 1348/2000 jipprovdix għan-notifika ta' atti extra ġudizzjarji fejn il-proċeduri legali ma jkunux inbdew u, it-tieni, billi tipprovdi interpretazzjoni awtorevoli ta' atti extra ġudizzjarji, terminu li, mhux bħal atti ġudizzjarji, it-tifsira tiegħu ma ngħatatx fir-regolament.

A — *Il-kuntest proċedurali ta' atti extra ġudizzjarji u l-obbligu li għandu jkun hemm tilwima*

76. Ir-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Slovakka jargumentaw b'mod vigoruż li, anki jekk jagħmlu referenza għal kuntest li mhux konness ma' realtà legali, atti extra ġudizzjarji huma rregolati bir-Regolament (KE) Nru 1348/2000 jekk in-notifika tagħhom tkun essenzjali matul kawża. Dan jista' jiġi dedott mill-funzjonijiet li normalment jitwettqu minn qrati fit-tradizzjonijiet legali tal-Istati Membri u minn interpretazzjoni letterali tal-premessi għar-Regolament (KE) Nru 1348/2000.

77. Il-premessa 6 li tagħmel referenza għall-"effiċjenza u l-veloċità fi proċeduri legali f'materji ċivili" u li tistipula li "t-trażmissjoni ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji għandha ssir permezz ta' mezzi diretti u rapidi". Minn dan isegwi li r-regolament huwa mmirat biex jitjiebu proċeduri b'element transkonfinali. Għalhekk, dawk l-Istati Membri jargumentaw, l-iskop ta' Regolament (KE) Nru 1348/2000 huwa ristrett għannotifika ta' atti extra ġudizzjarji fi proċeduri li jitressqu quddiem qorti nazzjonali.

78. Il-pożizzjoni tal-Kummissjoni, fis-sens li att extra ġudizzjarju jsir att ġudizzjarju appena jiddaħħal fil-proċess ta' kawża, ma tistax tiġi aċċettata [74]. Matul il-kawża xi kultant jeħtieġ li jiġi invokat ir-Regolament (KE) Nru 1348/2000 biex jiġu nnotifikati atti bħal atti notarili jew riżoluzzjonijiet ta' kumpanniji, imma dan il-fatt ma jittrasformax dawk l-atti f'atti ġudizzjarji sempliċement għax jinsabu fil-proċess ta' dawk il-proċeduri legali li tagħhom qorti tkun qed tieħu konjizzjoni. Madankollu, il-Kummissjoni hija iktar perżwaziva fl-argument tagħha li tali limitazzjoni estensiva tal-iskop tar-Regolament (KE) Nru 1348/2000 kellha tissemma' espressament fid-dispożizzjoni. L-interpretazzjoni estensiva ta' premessa x'aktarx li mhux l-iktar argument konvinċenti biex tiġi affermata l-pożizzjoni tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Slovakka, partikolarment meta jkun hemm argumenti iktar konvinċenti favur il-pożizzjoni opposta.

79. L-Artikolu 65 KE huwa l-bażi legali għar-Regolament (KE) Nru 1348/2000. L-atti ta' liġi sekondarja li jistgħu jiġu adottati taħt l-Artikolu huma "[m]iżuri fil-kamp tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili li għandhom implikazzjonijiet transkonfinali", sakemm dawn jikkontribwixxu "għall-funzjonament

74 — Punt 45 tal-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni.

xieraq tas-suq komuni". L-artikolu jagħmel referenza għan-notifika ta' atti ġudizzjarji u extra ġudizzjarji imma ma jgħid xejn favur il-pożizzjoni li jrid ikun hemm kawża pendenti. Pjuttost, ir-Regolament (KE) Nru 1348/2000 jagħmel sejħa għal flessibbiltà, veloċità, effiċjenza u t-trażmissjoni bla xkiel kemm ta' atti ġudizzjarji u extra ġudizzjarji mingħajr l-obbligu li fl-ebda punt dawk l-atti għandhom ikunu inklużi fil-proċess ta' proċeduri legali. Il-premessa 6 setgħet tfasslet biex tiġi enfasizzata l-importanza partikolari li t-trażmissjoni ta' atti mill-ewwel takkwista matul proċeduri legali, mingħajr ma tkun ta' natura esklussiva għar-rigward ta' sitwazzjonijiet oħra [75].

80. Barra minn dan, il-glossarju approvat mill-Kummissjoni, li mhux maħsub li jkun eżawrjenti imma jipprovdi indikazzjoni tajba tal-varjetà ta' atti f'kull Stat Membru, jiffavorixxi interpretazzjoni estensiva tal-iskop tar-Regolament (KE) Nru 1348/2000. Pereżempju, il-glossarju jikkategorizza bħala atti extra ġudizzjarji atti notarili Belġjani, Ġermaniżi u Ungeriżi. Il-Portugall jipprovdi lista dettaljata ta' atti legali privati, bħal pereżempju atti li jikkonċernaw l-għoti ta' kreditu, ir-riżenja ta' direttur ta' kumpannija u amalgamazzjonijiet u akkwisti. Safejn huwa kkonċernat ir-Renju Unit, "[d]okumenti legali li għandhom jiġu notifikati inkonnessjoni ma' materji ċivili jew kummerċjali huma atti extraġudizzjarji". Madankollu, l-iktar eżempju li jolqtok huwa dak tal-Awstrija, li tikklassifika "atti li jfittxu li jissalvagwardjaw, isegwu jew jopponu pretensjoni ċivili jew kummerċjali, imma mingħajr ma jinvolvu proċeduri ta' qorti ċivili" bħala atti extra ġudizzjarji [76].

81. Minn dan kollu msemmi jista' jiġi dedott li, għall-għanijiet tar-Regolament (KE) Nru 1348/2000, atti extra ġudizzjarji ma humiex biss atti li huma nklużi fi proċess ta' kawża imma t-terminu jkopri wkoll atti li jeħtieġu li jiġu nnotifikati, indipendentement minn jekk ikunux inbdew proċeduri legali jew le. Jien nirrikonoxxi li interpretazzjoni mgħaġla tista' tagħti lok għal abbużi li jistgħu jwasslu biex jitgħabbew iżżejjed il-kapaċitajiet operazzjonali tal-qrati nazzjonali. Madankollu, din il-preokkupazzjoni ma tiġġustifikax li jiġi ristrett l-iskop tar-Regolament Nru 1348/2000. Għall-kuntrarju, din għandha tittieħed inkunsiderazzjoni meta titqies it-tifsira ta' atti extra ġudizzjarji, punt li jixraq li jiġi kkunsidrat issa.

B — *It-tifsira ta' "att extra-ġudizzjarju" għall-għanijiet tar-Regolament (KE) Nru 1348/2000*

82. L-Istati Membri kollha li pparteċipaw f'dawn il-proċeduri għal deċiżjoni preliminari jsostnu li hija l-leġiżlatura nazzjonali li għandha tagħti t-tifsira ta' atti extra ġudizzjarji għall-għanijiet tal-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1348/2000. Filwaqt li numru ta' Stati, bħal-Latvja u l-Ġermanja, isostnu li

75 — Dwar l-importanza ta' Regolament (KE) Nru 1348/2000 għall-iskop biex jiġu salvagwardjati l-għanijiet segwiti bil-miżuri msemmija fl-Artikolu 65 KE, ara N. Marchal Escalona, El nuevo régimen de la notificación en el espacio judicial europeo, Edizzjoni Comares, Granada, 2002, pp. 7 sa 9.

76 — Emfażi miżjuda.

l-materja għandha tiġi deċiża billi ssir referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali, Stati oħrajn, bħar-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-Polonja, Spanja, il-Greċja u l-Italja, jipproponu approċċ iktar imżewwaq, li jissuġġerixxi numru ta' kriterji komuni li jagħtu sustanza għal tifsira Komunitarja filwaqt li ttenni li kull Stat Membru għandu ċerta libertà biex jiddefinixxi l-kunċett.

83. Sabiex tinstab soluzzjoni għal din is-sitwazzjoni delikata [77], jiena nemmen li jkun xieraq li ssir referenza għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari għall-ġurisprudenza li qed tiżviluppa dwar ir-Regolament (KE) Nru 1348/2000, li jipprovdi biċċa gwida importanti. Fis-sentenza Leffler [78], il-Qorti tal-Ġustizzja ħadet konjizzjoni tal-ewwel talba għal deċiżjoni preliminari dwar l-interpretazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni u din spjegat il-konsegwenzi li joħorġu mir-rifjut tal-intimat li jaċċetta att innotifikat skont ir-Regolament Nru 1348/2000. Il-Qorti tal-Ġustizzja warbet għal kollox l-argument li l-effetti ta' dak ir-rifjut għandhom jiġu rregolati minn kull sistema legali nazzjonali, u semmiet ir-riskji ta' interpretazzjoni fframmentata tar-Regolament. Wara li ddikjarat li t-Trattat ta' Amsterdam kien ta "dimensjoni ġdida" [79] għall-miżuri adottati skont dak li llum huwa t-Titolu IV KE, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li sitwazzjoni bħal din tixhed "ir-rieda tal-Istati Membri li jistabbilixxu miżuri bħal dawn b'mod deċiż fl-ordni legali Komunitarju u għaldaqstant li jistipulaw il-prinċipju li dawn għandhom jiġu interpretati b'mod awtonomu" [80]. Barra minn dan, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat f'dik is-sentenza li "l-għażla talforma ta' [r]egolament, aktar milli dik ta' [d]irettiva li għall-ewwel kienet proposta mill-Kummissjoni, turi l-importanza li l-leġiżlatur Komunitarju jagħti lin-natura direttament applikabbli tad-dispożizzjonijiet talimsemmi Regolament *u l-applikazzjoni uniformi tagħhom*" [81]. Il-Qorti tal-Ġustizzja waslet għall-istess konklużjoni fis-sentenza Weiss und Partner [82], billi insistiet għal darb'oħra, relatat mal-effetti ta' rifjut li tiġi aċċettata notifika, li r-Regolament (KE) Nru 1348/2000 għandu jiġi applikat b'mod uniformi [83].

84. F'dawk iċ-ċirkustanzi, jien ma naħsibx li l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1348/2000 jagħmel referenza b'mod inkondizzjonat għal-liġi nazzjonali għall-għanijiet biex jitfisser il-kunċett Komunitarju ta' atti extra ġudizzjarji. Referenza importanti bħal din kellha tiġi espressa fir-Regolament innifsu imma la l-Artikoli tiegħu u l-anqas l-istorja tiegħu ma jindikaw intenzjoni bħal din. Huwa possibbli li jiġi kkontestat l-livell ta'

77 — Dan huwa suġġett sensittiv, għalkemm xi awturi, b'mod sorprendenti, iddeskrivewh bħala irrelevanti. Sharma, D.H., Zustellungen im Europäischen Binnenmarkt, Edizzjoni Dunker & Humblot, Berlín, 2003, p. 84, jagħmel analiżi żbaljata, meta jsostni li s-suġġett nnifsu tat-tilwima ma għandux jagħti lok għal inċertezzi li jkunu ta' detriment għall-effettività tar-Regolament (KE) Nru 1348/2000. Madankollu, il-fatt li disa' Stati Membri pparteċipaw f'dawn il-proċeduri, flimkien ma' opinjonijiet kontrastanti li tressqu 'l quddiem iġġeneraw reazzjoni sinjifikanti.

78 — Sentenza tat-8 ta' Novembru 2005, Leffler (C-443/03, Ġabra p. I-9611).

79 — *Ibid.*, punt 45.

80 — Punt 45, enfażi miżjuda.

81 — Punt 46, enfażi miżjuda.

82 — Sentenza tat-8 ta' Mejju 2008, Weiss und Partner (C-14/07, Ġabra p. I-3367).

83 — Fil-punt 63 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Stix-Hackl, tat-28 ta' Ġunju 2005, fil-Kawża Leffler, iċċitata iktar 'il fuq, fil-punt 63, jiġi rrilevat li bħala għan tiegħu r-regolament għandu l-approssimazzjoni safejn possibbli tal-konsegwenzi legali tad-drittijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet tiegħu. Għalhekk, "qajla huwa loġiku li wieħed 'jmur jiġri' għal-liġi nazzjonali biex jimla l-vojt fil-qafas regolatorju".

armonizzazzjoni li ġie segwit bir-regolament imma l-Istati Membri ma jistgħux jimmanipulaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 1348/2000 għal konvenjenza tagħhom.

85. Il-kliem tal-artikolu huwa pjuttost ambigwu. Dan sempliċement jipprovdi li atti extra ġudizzjarji jistgħu jiġu trażmessi għannotifika fi Stat Membru konformi maddispożizzjonijiet tar-Regolament. Dik l-ekonomija fil-kliem tikkontrasta mal-14–il artikolu preċedenti li jipprovdu fid-dettall dwar in-notifika ta' atti ġudizzjarji.

86. F'dak ir-rigward jien naqbel mar-Repubblika Ċeka li tfisser atti extra ġudizzjarji "b'referenza għal-liġi tal-Istat ta' oriġini, interpretata fid-dawl tal-għan tar-Regolament u l-prinċipji ġenerali li joħorġu mis-sistemi legali nazzjonali kollha" [84]. Dan huwa l-aħjar mod kif għandu jiġi ttrattat dan il-każ, peress li għar-rigward ta' atti extra ġudizzjarji, kienet l-intenzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1348/2000 li jittieħed vantaġġ millesperjenza ta' kull Stat Membru. Il-glossarju adottat mill-Kummissjoni jirrifletti dik il-pluralità nazzjonali u jistabbilixxi linji gwida mhux biss għall-atti elenkati hemmhekk imma anki għal dawk li ma humiex inklużi imma li, konformi ma' analiżi sistematika, jaqgħu fi ħdan l-iskop tar-Regolament (KE) Nru 1348/2000. L-Artikolu 16 jirrikonoxxi li t-terminu "atti extra-ġudizzjarji" għandu dimensjoni Komunitarja anki jekk jagħti rwol importanti lill-Istati Membri, li huwa dak li jiġi pprovdut mudell li jiżgura li t-tifsira Komunitarja tkopri l-atti kollha li, konformi mattradizzjonijiet tal-Istati Membri, jistgħu jkunu ta' natura extra ġudizzjarja [85].

87. Għalhekk, jien nistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tagħti t-tifsira ta' atti extraġudizzjarji għall-iskopijiet tar-Regolament (KE) Nru 1348/2000, b'mod li jkun jirrispetta u jkun konsistenti mad-diversità legali tal-Istati Membri u l-għanijiet tar-Regolament.

88. L-ewwel ħjiel dwar it-tifsira ta' atti extraġudizzjarji jinstab fil-leġiżazzjoni preċedenti għar-Regolament (KE) Nru 1348/2000. L-iktar preċedent importanti huwa l-Konvenzjoni tal-1965 tal-Aja li kienet irratifikata mill-maġġoranza vasta tal-Istati Membri u li ġiet invokata mill-Qorti tal-Ġustizzja fissentenza Weiss und Parnter [86]. Mhux bħarregolament inkwistjoni f'dawn il-proċeduri, l-Artikolu 17 tal-Konvenzjoni jfisser it-terminu "atti extra-ġudizzjarji" bħala atti li

84 — Osservazzjonijiet tal-Gvern tar-Repubblika Ċeka, punt 8.

85 — L.A.Scarano, "Il Regolamento CE n. 1348/2000 sulle notifiche internazionali intracomunitarie", f'I. Ambrosi, u L. A. Scarano, "Diritto Civile Comunitario e Cooperazione Giudiziaria Civile", Edizzjoni Giuffrè, Milan, 2005, pp. 105 u 106.

86 — Punt 52 tas-sentenza.

"jinħarġu mill-awtoritajiet u uffiċjali ġudizzjarji ta' Stat Kontraenti". Għalhekk, taħt il-Konvenzjoni, huma biss atti pubbliċi li huma ta' natura extra-ġudizzjarja [87].

89. Preċedent importanti ieħor huwa l-Konvenzjoni tal-1997 dwar in-notifika ta' atti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji, li ġiet ifformulata abbażi tal-Artikolu K.3 UE li issa ġie abrogat u li qatt ma kien daħal fis-seħħ. Kif indikajt iktar 'il fuq, ir-Regolament (KE) Nru 1348/2000 wiret id-dispożizzjonijiet tal-Abbozz tal-Konvenzjoni, inkluż ir-rapport ta' spjegazzjoni importanti li ġie wkoll invokat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Weiss und Partner [88]. Fil-kummentarju dwar l-Artikolu 1, ir-rapport irrikonoxxa d-diffikultà biex tiġi fformulata tifsira preċiża ta' atti extra-ġudizzjarji. Fil-kummentarju dwar l-Artikolu 1, ir-rapport irrikonoxxa d-diffikultà biex tiġi fformulata tifsira preċiża ta' atti extra-ġudizzjarji. Madankollu, dan kompla jgħid li t-terminu jkopri "atti li jsiru minn uffiċjal pubbliku, bħal pereżempju att notarili jew ċitazzjoni, atti li jiġu kompilati minn awtoritajiet uffiċjali tal-Istati Membri jew atti ta' tip jew importanza li jeħtieġulhom li jiġu trażmessi jew jitqegħdu għall-attenzjoni talintimat permezz ta' proċedura uffiċjali". Din hija tifsira iktar wiesgħa minn dik fil-Konvenzjoni tal-Aja, peress li minbarra atti extra-ġudizzjarji adottati minn awtoritajiet pubbliċi, din tkopri wkoll forom oħra ta' att li huma strettament privati imma partikolarment importanti għar-rigward ta' relazzjonijiet legali.

90. Il-glossarju kompilat mill-Kummissjoni huwa wkoll ta' natura informattiva, dan jinkludi varjetà estremament wiesgħa ta' atti b'numru limitat ta' fatturi komuni. Jien nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tanalizza t-tifsira ta' atti extra-ġudizzjarji għall-għanijiet tar-Regolament (KE) Nru 1348/2000 fid-dawl ta' tlett fatturi ċentrali li ssir referenza għalihom fl-eżempji mogħtija fil-glossarju.

91. L-ewwel nett, hemm atti extra-ġudizzjarji li jeħtieġu l-involviment ta' xi awtorità jew att pubbliku, partikolarment xi awtorità li ma jkunux il-qrati tal-Istat li jkun qed jibgħathom, li qed teżerċita poteri pubbliċi. It-terminu "involviment" jindika li l-att għandu jinħareġ minn dik l-awtorità jew li suġġett tiegħu irid jiġi rratifikat permezz ta' dikjarazzjoni pubblika [89]. Bl-istess mod, involviment permezz ta' "att pubbliku" jirreferi għal atti extra-ġudizzjarji li n-natura uffiċjali tagħhom ma toħroġx minn xi awtorità individwali jew

87 — Il-gwida prattika għall-Konvenzjoni tal-1965, mfassla mill-Bureau Permanenti tal-Konferenza ta' Den Haag dwar id-Dritt Internazzjonali Privat, tipprovdi eżempji ta' atti extra ġudizzjarji konsistenti mal-Artikolu 17 tal-Konvenzjoni: "extrajudicial documents include […] demands for payment, notices to quit in connection with leaseholds or contracts of employment, protests with respect to bills of exchange and promissory notes, provided that they are issued by an authority of huissier. Objections to marriage, consents for adoption, and acceptances of paternity are also in this class insofar as they imply compliance with certain formalities". Practical Handbook on the Operation of The Hague Service Convention, Permanent Bureau — Hague Conference, Edizzjoni Wilson & Lafleur Ltée, Montreal, 2006, p. 30. Hemm tnaqqis ħafif tal-importanza tar-rekwiżit li tali att għandu jkun pubbliku fl-aħħar sentenza, sakemm ikun hemm grad ta' involviment minn xi awtorità.

88 — Punti 53 u 54 tas-sentenza ċċitata iktar 'il fuq. Jolqtok il-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha timminimizza b'mod kategoriku l-utilità ta' dak ir-rapport għall-għanijiet ta' interpretazzjoni fl-ewwel każ li jikkonċerna r-Regolament (KE) Nru 1348/2000, is-sentenza Leffler. Fil-punt 43 tas-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet: "Fir-rigward ta' din l-interpretazzjoni ma jistax ikollu suċċess l-argument li l-konsegwenzi tar-rifjut tad-dokument għandhom ikunu determinati mid-dritt nazzjonali. F'dan ir-rigward ma jistgħux jiġu invokati l-kummentarji li jidhru fir-rapport ta' spjegazzjoni tal-Konvenzjoni". Din l-asserzjoni ssir biex tiġi evitata l-frammentazzjoni fl-interpretazzjoni tar-Regolament fil-livell nazzjonali.

89 — D.H. Sharma, Zustellungen, *op. cit.*, p. 84.

kolleġjali imma pjuttost minn xi att leġiżlattiv. Għaldaqstant, jeżistu atti li l-effetti tagħhom huwa mogħti direttament bil-liġi, li huma daqshekk importanti taħt sistema legali nazzjonali li jiġġustifikaw notifika skont ir-Regolament (KE) Nru 1348/2000. Ir-rapport ta' spjegazzjoni dwar il-Konvenzjoni tal-1997 jkopri "atti bħal dawn meta jagħmel referenza għal atti tat-tip u ta' importanza li jeħtieġuhom li jkunu trażmessi u mwassla għallattenzjoni tal-intimat permezz ta' proċedura uffiċjali".

92. It-tieni nett, tali atti jagħtu lok għal effetti legali speċifiċi u differenti għax għaddew minn proċedura formali. Is-sempliċi involviment ta' awtorità pubblika ma jfissirx li l-atti extraġudizzjarji kollha jassumu karattru li huwa differenti minn dak li kien ikollhom li kieku dawn ma ġewx ippreżentati lil dik l-awtorità. Taħt il-liġi nazzjonali huwa xieraq li individwi jiġu obbligati jirrikorru għand awtoritajiet pubbliċi sabiex isaħħu l-effettività ta' ċerti atti u, biex għalhekk tinkiseb stabbilità u ċertezza fir-relazzjonijiet legali. Madankollu, meta l-involviment ta' awtorità pubblika ma jkollu ebda rilevanza għall-effettività ta' att, filfehma tiegħi dan ma jkunx att ġudizzjarju skont it-tifsira tar-Regolament Nru 1348/2000. Għaldaqstant, fil-każ preżenti, kemm jekk l-avviż tat-terminazzjoni ta' kuntratt ta' bejgħ isir b'ittra privata jew bl-involviment ta' awtorità pubblika formalment irreġistrat f'att ta' notifika u talba, hija materja li kapaċi tbiddel sostanzjalment il-klassifikazzjoni tal-att ikkonċernat [90].

90 — D.H. Sharma, Zustellungen, *op. cit.*, p. 84, juża t-terminazzjoni ta' kuntratt privat bħala eżempju ta' att extra ġudizzjarju.

93. It-tielet nett, biex tinżamm konsistenza mal-għan prinċipali tar-Regolament, li essenzjalment huwa li tiġi żgurata kooperazzjoni ġudizzjarja effiċjenti u rapida fit-territorju tal-Komunità, l-att extra-ġudizzjarju kkonċernat għandu jsostni pretensjoni fi proċeduri legali li tista' ssir. Għandu jkun hemm prova ta' konnessjoni, tkun kemm tkun dgħajfa, bejn il-ħtieġa ta' notifika, minn naħa, u l-attivazzjoni tal-mekkaniżmi tar-Regolament (KE) Nru 1348/2000, min-naħa l-oħra. Inkella, il-qrati nazzjonali jispiċċaw bħal servizz ta' messaġġiera bejn il-partijiet li jkunu għadhom lanqas bdew proċeduri legali. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti qies għal dik is-sitwazzjoni billi tirrestriġi t-tifsira ta' "atti extra-ġudizzjarji" konformi ma' dan it-tielet rekwiżit.

94. Konsegwentement, fil-fehma tiegħi atti extra-ġudizzjarji huma atti li, l-ewwel nett, jeħtieġu l-involviment ta' awtorità jew att pubbliku; it-tieni nett, jagħtu lok għal effetti legali speċifiċi u differenti bħala riżultat ta' dak l-involviment; u t-tielet nett, jiġu użati biex isostnu pretensjoni fi proċeduri legali li jistgħu jsiru. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina kull fejn att ta' notifika u talba, użat biex jingħata avviż tat-terminazzjoni ta' kuntratt ta' bejgħ ta' proprjetà immobbli, huwa "att extra-ġudizzjarju" fid-dawl tat-tlett rekwiżiti msemmija.

VII — Konklużjoni

95. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija, jien nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha twieġeb lill-Juzgado de Primera Instancia e Instrucción n. 5 de San Javier, billi tiddikjara li:

1. Għall-għanijiet tar-Regolament (KE) Nru 1348/2000, "atti extra-ġudizzjarji" ma humiex biss dawk inklużi f'kawża imma t-terminu jkopri wkoll atti li jeħtieġu li jiġu nnotifikati indipendentement minn jekk ikunux inbdew proċeduri legali.

2. Għall-għanijiet tar-Regolament (KE) Nru 1348/2000, atti extra ġudizzjarji l-ewwel nett, jeħtieġu l-involviment ta' awtorità jew att pubbliku, it-tieni nett iridu jagħtu lok għal effetti legali speċifiċi u differenti b'riżultat ta' dak l-involviment; u t-tielet nett jiġu użati b'sostenn għal pretensjoni fi proċeduri legali li jistgħu jsiru.

3. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina jekk att notarili ta' notifika u talba użat biex jagħti avviż ta' terminazzjoni ta' kuntratt għal bejgħ ta' proprjetà immobbli huwiex att extra ġudizzjarju fid-dawl tat-tlett rekwiżiti msemmija.